KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.07.2004
KUMM(2004) 520 finali

2004/0178 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma ta' ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnnaħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-ftehim interim għall-kummerċ u l-miżuri li jiġu magħhom bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Ir-relazzjonijiet bejn it-Taġikistan u l-Komunitajiet Ewropew huma bħalissa mmexxija bil-ftehim ta' kummerċ u ta' kooperazzjoni ffirmat ma' l-Unjoni Sovjetika l-antika fit-18 ta' Diċembru 1989 (ftehim li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 1990) kif approvat uffiċjalment mir-Repubblika tal-Taġikistan permezz ta' skambju ta' ittri ta' l-4 ta' Frar 1994. Il-Kunsill waqqaf id-direttivi ta' negozjar tiegħu fil-5 ta' Ottubru 1992, emendati l-10 ta' Ottubru 2003, u l-Kummissjoni bdiet formalment in-negozjati skond il-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni f'Novembru 2003. Wara t-tieni sessjoni ta' negozjati, it-test tal-ftehim ġie ffirmat fi Brussel min-negozjaturi tal-Kummissjoni u tal-gvern tat-Taġikistan fis-16 ta' Diċembru 2003.

2. Il-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni propost għandu jsaħħaħ il-preżenza ta' l-Unjoni fit-Taġikistan u b'mod iktar ġenerali fir-reġjun ta' l-Asja ċentrali, kemm fuq il-pjan politiku u ekonomiku kif ukoll fuq dak kummerċjali. Barra minn hekk, sejjer jinkoraġixxi it-tkabbir ekonomiku u jiffavorixxi l-iżvilupp sostenibbli, il-ġlieda kontra l-faqar, u l-istabbilità fit-Taġikistan u fl-Azja ċentrali. Sejjer jipprovdi qafas ta' kooperazzjoni li l-Unjoni Ewropea sejra tiżviluppa flimkien mat-Taġikistan.

3. Jekk ġie elaborat fuq il-mudell ta' ftehim ieħor ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, il-ftehim UE-Taġikistan hu l-ewwel li jdaħħal dawn il-klawsoli dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-armi ta' qerda tal-massa. Dan il-ftehim se jiġi konkluż għal medda ta' żmien ta' għaxar snin u mġedded bi ftehim taċitu minn sena għal sena. Se jiftaħ it-triq għal relazzjonijiet aktar profondi f'numru kbir ta' oqsma, fuq il-bażi tar-reċiproċità u tas-sħubija. Dan il-ftehim iżomm fuq il-prinċipji essenzjali li huma r-rispett tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tar-regola tal-liġi, kif ukoll l-inkoraġġiment għall-iżvilupp sostenibbli u r-rabta bejn l-għodda differenti ta' għajnuna (rabta bejn l-għajnuna umanitarja, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp).

4. Il-ftehim propost jistrieħ fuq tliet kolonni: id-djalogu politiku, il-kooperazzjoni u l-kummerċ, li huma lkoll mwieżna minn dispożizzjonijiet ġenerali u istituzzjonali.

   (i) Djalogu politiku: l-Unjoni u t-Taġiskistan għandhom jistabbilixxu djalogu politiku regolari. Huma sejrin jikkooperaw b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra t-tixrid ta' l-armi ta' qerda ytal-massa, it-traffikar illegali bħal dak tad-droga.

   (ii) Kooperazzjoni: il-ftehim jinkludi dispożizzjonijiet fl-oqsma li ġejjin: il-kooperazzjoni soċjo-ekonomika, finanzjarja u kummerċjali, ix-xjenza, it-teknoloġija u s-soċjetà informatika, kultura, edukazzjoni u s-settur awdijoviżiv, ir-riforma ta' l-Istat u l-amministrazzjoni politika, il-kooperazzjoni soċjali u l-kooperazzjoni f'termini leġislattivi. Il-Ftehim jipprovdi ukoll impenji u azzjonijiet ta' kooperazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mar-riammissjoni, il-kontroll ta' immigrazzjoni klandestina u mal-ġlieda kontra d-droga u l-kriminalità organizzata. Il-kooperazzjoni f'termini ta' demokrazija u ta' drittijiet tal-bniedem hi inkluża ukoll f'dan il-ftehim. L-assistenza reċiproka fid-dwana hi sostnuta minn protokoll separat.

   (iii) Il-kummerċ ta' l-oġġetti u tas-servizzi u tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ u l-investiment huma suġġetti għad-dipożizzjonijiet ta' dan il-ftehim.

5. Il-ftehim ta’ sħubija u ta’ kooperazzjoni hu ftehim imħallat li jkopri l-oqsma kollha fejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membru huma kompetenti. Dan il-ftehim hu konkluż għal-perjodu ta’ għaxar snin.

Dan il-ftehim jipprovdi klawsola ta' sospensjoni unilaterali jekk jiġi kkunsidrat li parti importanti tal-ftehim ma tiġix applikata (jiġifieri: ir-rispett tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji ta’ l-ekonomija tas-suq).

Il-ftehim jistabbilixxi proċess istituzzjonali għall-implimentazzjoni tiegħu flimkien ma’ Kunsill ta’ Kooperazzjoni, Kumitat ta’ Kooperazzjoni u Kumitat Parlamentari.

Dan il-ftehim m’għandux effet fuq il-baġit.

6. Fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta’ sħubija u ta’ kooperazzjoni, hu propost li jiġi konkluż ftehim *interim* bejn il-Komunitajiet Ewropej u t-Taġiskistan li jikkonċerna prinċipalment il-kummerċ, il-kooperazzjoni u l-qafas istituzzjonali, kif imniżżel fl-Artikolu 101 tal-ftehim ta’ sħubija u ta’ kooperazzjoni.

7. Peress li l-proċess ta’ negozjati tlesta, il-Kummissjoni issa tipproponi lill-Kunsill li japprova r-riżultati tan-negozjati u jinvolvi l-proċeduri li jipprevedu l-firma u l-konklużjoni ta’ dan il-ftehim. Għal dan l-effett, il-Kummissjoni tippreżenta l-proposti li jmiss:

(i) proposta ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma tal-ftehim ;

(ii) proposta ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim ;

(iii) proposta ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim *interim* f’isem il-Komunità Ewropea ;

(iv) proġett ta’ Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim *interim* f’isem il-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika.

Il-proċeduri għall-firma u għall-konklużjoni tal-ftehim huma differenti għaż-żewġ Komunitajiet Ewropej (il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika):

a) għal dak li għandu x’jaqsam mal-firma, l-ewwel fraži ta’ l-ewwel inċiż ta’ l-Artikolu 300(2) tat-Trattat KE tistipula li l-firma ta’ ftehim f’isem il-Komunità Ewropea għandha tkun soġġetta għalDeċiżjoni distinta mill-Kunsill. It-Trattat KEFA m’għandu l-ebda eżigenza simili;

b) għal dak li għandu x’jaqsam mal-ftehim:

- il-Kunsill jikkonkludi l-ftehim tal-Komunità Ewropea, bl-opinjoni konformi tal-Parlament Ewropew, skond l-Artikolu 44(2), 47(2), l-aħħar fraži 55, 57(2), 63(3), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181 A tat-Trattat KE, flimkien ma’ l-Artikolu 300(2), l-ewwel inċiż, l-aħħar fraži u l-Artikolu 300(3), it-tieni inċiż;

- il-Kunsill jaqbel mal-ftehim f’isem il-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomija, skond l-Artikolu 101(2) tat-Trattat KEFA, qabel ma l-ftehim ġie konkluż mill-Kummissjoni.

c) għal dak li għandu x'jaqsam mal-konklużjoni tal-ftehim *interim* :

- il-Kunsill jikkonkludi l-ftehim f'isem il-Komunità Ewropea skond l-Artikolu 133 u l-Artikolu 300(2), l-ewwel fraż i ;

- il-Kunsill jaqbel mal-ftehim f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, skond l-Artikolu 101(2) tat-Trattat KEFA, qabel ma l-ftehim ġie konkluż mill-Kummissjoni.

B'konsiderazzjoni għal dak li hu mniżżel hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi::

- li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-firma tal-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika tat-Taġikistan f'isem il-Komunità Ewropea;

- li l-Kunsill jikkonkludi l-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika tat-Taġikistan f'isem il-Komunità Ewropea u jagħti l-approvazzjoni tiegħu dwar il-konklużjoni mill-KEFA;

- li l-Kunsill jikkonkludi l-ftehim *interim* f'isem il-Komunità Ewropea ;

- li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu dwar il-konklużjoni mill-KEFA tal-ftehim *interim*.

Ir-ratifika mill-Istati Membri kollha hi kondizzjoni li ssir qabel id-dħul fis-seħħ tal-ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma ta’ ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnnaħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Komunità Ewropea u b’mod partikolari l-Artikoli 44(2), 47(2), l-aħħar fraži, 55, 57(2), 63(3), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181 A tiegħu, flimkien ma’ l-Artikolu 300(2), l-ewwel inċiż, l-aħħar fraži;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [1]

Billi:

(1) Fil-5 ta’ Ottubru 1992, il-Kunsill ta awtorizzazzjoni lill-Kunsill biex jibda n-negozjati li għandhom x’jaqsmu mal-konklużjoni ta’ ftehim ta’ sħubija u ta’ kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra. Dawn id-direttivi ta' negozjati ġew emendati mill-Kunsill fl-10 ta’ Ottubru 2003.

(2) Dawn in-negozjatiġew konklużi u l-ftehim ġie ffirmat fis-16 ta’ Diċembru 2003.

(3) Fil-każ ta’ konklużjoni eventwali f’data iktar ’il quddiem, jeħtieġ li jiġi ffirmat dan il-ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-president tal-Kunsill hu awtorizzat jaħtar il-persuna(i) awtorizzata(i) li tiffirma (jiffirmaw), f’isem il-Komunità, il-ftehim ta’ sħubija u ta’ kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minnnaħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli li huma mehmuża magħhom u d-dikjarazzjonijiet stabbiliti unilateralment mill-Komunità u flimkien mal-parti l-oħra, li huma annessi ma’ l-att finali, f’każ ta’ konklużjoni eventwali f’data iktar ’l quddiem.

[1] ĠU L […] , […], p. […]

2. It-test tal-ftehim, l-Annessi, il-Protokolli u l-Att finali huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, […]

Għall-Kunsill
Il-President

2004/0178 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-ftehim *interim* għall-kummerċ u l-miżuri li jiġu magħhom bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tagħha, flimkien ma' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [2]

Billi:

fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istait Membri tagħha, minnnaħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, ffirmat f' (post) ... nhar (data) ..., jeħtieġ li jiġi approvat, f'isem il-Komunità Ewropea, il-ftehim *interim* għall-kummerċ u l-miżuri li jiġu magħhom bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika min-naħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-ftehim *interim* għall-kummerċ u l-miżuri li jiġu magħhom bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, minnnaħa, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli li huma mehmuża magħhom u d-dikjarazzjonijiet stabbiliti unilateralment mill-Kommunità u flimkien mal-parti l-oħra huma approvati f'isem il-Komunità Ewropea.

2. It-test tal-ftehim, l-Annessi, il-protokkoli huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu awtorizzat jaħtar il-persuna(i) awtorizzata(i) li tiffirma(jiffirmaw) il-ftehim *interim* f'isem il-Komunità Ewropea.

---

[2] ĠU L [...] , [...], p. [...]

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill jipproċedi, f'isem il-Komunità, biex jinnotifika skond l-Artikolu 37 tal-ftehim.

Magħmula fi Brussel, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

ABBOZZ TA' FTEHIM TA' SĦUBIJA U KOOPERAZJONI LI JISTABBILIXXI SĦUBIJA BEJN IL-KOMUNITÀJIET EWROPEJ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, FUQ NAĦA WAĦDA U R-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN FUQ IN-NAĦA L-OĦRA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ĠREĊJA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVAKKJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Istati Membri", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Komunità",

fuq naħa waħda

U R-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN,

fuq in-naħa l-oħra

WARA LI KKUNSIDRAW ir-rabtiet bejn il-Komunità, l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tat-Taġikistan u l-valuri komuni ta' bejniethom,

JIRRIKONOXXU, li l-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan jixtiequ jsaħħu r-rabtiet imsemmija u jibdew attivitajiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni sabiex japprofondixxu u jwessgħu r-relazzjonijiet li nbdew fil-passat, b'mod partikolari l-Ftehim dwar l-Kummerċ u dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika ffirmat fit-18 ta' Diċembru 1989 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, fuq naħa waħda, u l-Unjoni tar-Repubbliċi Soċjalisti Sovjetiċi, fuq in-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW l-impenn tal-Komunità u ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tat-Taġikistan li jsaħħu l-libertajiet politiċi u ekonomiċi li jiffurmaw il-bażi tas-sħubija,

JIRRIKONOXXU li f'dak il-kuntest dik l-għajuna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tat-Taġikistan ser tkompli tikkontribwixxi sabiex jitħarsu l-paċi u l-istabbiltà fl-Asja Ċentrali,

IKKUNSIDRAW l-impenn tal-Partijiet sabiex jippromwovu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u r-risoluzzjoni paċifika tat-tilwim, u l-kooperazzjoni għal dan il-għan fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE),

IKKUNSIDRAW l-impenn b'saħħtu tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha u tar-Repubblika tat-Taġikistan sabiex jimplementaw bis-sħiħ il-prinċipji u d-disposizzjonijiet kollha kontenuti fl-Att Finali tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (CSCE), id-Dokumenti Konklussivi tal-Laqgħat ta' Aġġornament ta' Madrid u ta' Vjenna, id-Dokument tal-Konferenza tas-CSCE f'Bonn dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika, il-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida u d-Dokument ta' Helsinki tas-CSCE ta' l-1992 "L-Isfidi tal-Bidla", u dokumenti fundamentali oħra ta' l-OSCE,

KONVINTI mill-importanza assoluta ta' l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet umani, partikolarment dawk ta' persuni li ġejjin minn minoranzi, l-istabbiliment ta' sistema b'aktar minn partit politiku wieħed b'elezzjonijiet liberi u demokratiċi u liberalizzazzjoni ekonomika indirizzata sabiex tistabbilixxi ekonomija tas-suq,

JEMMNU li l-implementazzjoni sħiħa ta' dan il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ser tiddependi fuq u tikkontribwixxi għat-tkomplija u l-kisba ta' riformi politiċi, ekonomiċi u legali fir-Repubblika tat-Taġikistan u għall-introduzzjoni tal-fatturi neċessarji għall-kooperazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Konferenza tas-CSCE li saret f'Bonn.

XEWQANA li jinkoraġġixxu l-proċess ta' rikonċiljazzjoni interna li ġie varat fir-Repubblika tat-Taġikistan wara l-ftehim ta' paċi ta' Moska.

XEWQANA għall-inkoraġġament tal-proċess ta' kooperazzjoni reġjonali fl-oqsma koperti minn dan il-ftehim ma' pajjiżi ġirien sabiex jippromwovu l-prosperità u l-istabbiltà tar-reġjun.

XEWQANA li jistabbilixxu u jiżviluppaw djalogu politiku regolari fuq materji bilaterali u internazzjonali ta' interess reċiproku;

JIRRIKONOXXU U JSOSTNU x-xewqa tar-Repubblika tat-Taġikistan li titwaqqaf kooperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet Ewropej,

JIKKUNSIDRAW l-ħtieġa tal-promozzjoni ta' l-investiment fir-Repubblika tat-Taġikistan, inkluż fis-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-enerġija u l-ilma, jikkonfermaw l-importanza mogħtija mill-Komunità, l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tat-Taġikistan lill-Karta Ewropea dwar l-Enerġija, u lill-implementazzjoni sħiħa tat-Trattat tal-Karta dwar l-Enerġija u l-Protokoll tal-Karta dwar l-Enerġija dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija u aspetti ambjentali marbuta ma' dan.

WARA LI KKUNSIDRAW id-disponibilità tal-Komunità li tforni kooperazzjoni u għajnuna teknika kif xieraq, inkluż fil-ġlieda kontra l-faqar,

FILWAQT LI JIFTAKRU fl-utilità tal-Ftehim favur proċess ta' tqarrib gradwali mill-ġdid bejn ir-Repubblika tat-Taġikistan u żona usa' ta' kooperazzjoni fl-Ewropa u fir-reġjuni ġirien tagħha u l-integrazzjoni progressiva fis-sistema internazzjonali miftuħa tal-kummerċ,

WARA LI KKUNSIDRAW l-impenn tal-Partijiet sabiex jilliberalizzaw il-kummerċ, skond ir-regoli ta' l-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ (WTO), u li l-Komunità tilqa' l-intenzjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan li taderixxi mad-WTO.

KONXJI mill-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet li jaffettwaw in-negozju u l-investiment, u l-kundizzjonijiet f'oqsma bħat-twaqqif ta' kumpaniji, ix-xogħol, il-provvista ta' servizzi u l-movimenti fil-kapital,

KONVINTI li dan il-Ftehim ser joħloq klima ġdida fir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet u b'mod partikolari għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment, li huma essenzjali għar-ristrutturar ekonomiku u l-immodernizzar teknoloġiku,

XEWQANA sabiex jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent wara li jikkunsidraw l-interdipendeza li teżisti bejn il-Partijiet f'dan il-qasam,

JIRRIKONOXXU li l-kooperazjoni għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità organizzata internazzjonali u t-traffikar tad-droga u l-ġlieda kontra t-terroriżmu huma miri ewlenin ta' dan il-Ftehim,

XEWQANA sabiex jistabbilixxu kooperazzjoni kulturali, kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-titjib tal-flussi ta' informazzjoni,

FTIEHMU kif ġej:

ARTIKOLU 1

Qiegħda hawnhekk tiġi stabbilita sħubija bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda u r-Repubblika tat-Taġikistan fuq in-naħa l-oħra. Il-miri ta' din is-sħubija huma:

- is-sostenn ta' l-indipendenza u s-sovranità tar-Repubblika tat-Taġikistan,

- is-sostenn ta' l-isforzi tar-Repubblika tat-Taġikistan sabiex tikkonsolida d-demokrazija tagħha, tiżviluppa l-ekonomija u l-infrastruttura soċjali tagħha u sabiex tikseb transizzjoni lejn ekonomija tas-suq,

- il-ħolqien ta' qafas xieraq għad-djalogu politiku bejn il-Partijiet li jwassal għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi mill-qrib,

- il-promozzjoni tal-kummerċ u ta' l-investiment, b'mod partikolari fis-setturi ta' l-enerġija u ta' l-ilma, u r-relazzjonijiet ekonomiċi armonjużi bejn il-Partijiet sabiex ikabbru l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom,

- il-ħolqien ta’ bażi għal kooperazzjoni leġislattiva, ekonomika, soċjali, finanzjarja, ċivili, xjentifika, industrijali, teknoloġika u kulturali.

TITOLU I

PRINĊIPJI ĠENERALI

ARTIKOLU 2

Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali u umani, kif imfissra b’mod partikolari fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-Att Finali ta’ Helsinki u fil-Karta ta’ Pariġi għal Ewropa Ġdida, huma l-bażi tal-politiki interni u esterni tal-Partijiet u huma parti essenzjali minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3

Il-Partijiet iqisu li huwa essenzjali għall-prosperita u l-istabbiltà futura tagħhom li l-istati indipendenti ġodda li ħarġu mix-xoljiment ta’ l-Unjoni ta’ Repubbliċi Soċjalisti Sovjetiċi, minn issa ’l quddiem imsejħa "Stati Indipendenti”, għandhom imantnu u jiżviluppaw kooperazzjoni bejniethom skond il-prinċipji ta’ l-Att Finali ta’ Helsinki u skond id-dritt internazzjonali u fi ispirtu ta’ relazzjonijiet tajba mal-ġirien, u ser jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jinkoraġġixxu dan il-proċess.

TITOLU II

DJALOGU POLITIKU

ARTIKOLU 4

Għandu jiġi stabbilit djalogu politiku kostanti u regolari bejn il-Partijiet, li huma għandhom l-intenzjoni li jiżviluppaw u jintensifikaw. Dan għandu jakkumpanja u jikkonsolida l-proċess ta’ tiġdid ta’ ħbiberija bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan, isostni l-bidliet politiċi u soċjo-ekonomiċi li għaddejjin bħalissa fir-Repubblika tat-Taġikistan u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ forom ġodda ta’ kooperazzjoni. Id-djalogu politiku:

- ser isaħħaħ ir-rabtiet tar-Repubblika tat-Taġikistan mal-Komunità u l-Istati Membri tagħha, u għaldaqstant mal-komunità ta' nazzjonijiet demokratiċi in ġenerali. Il-konverġenza ekonomika li tinkiseb permezz ta’ dan il-Ftehim ser twassal għal relazzjonijiet politiċi aktar intensi;

- ser iġib konverġenza akbar fil-pożizzjonijiet dwar materji internazzjonali ta’ interess reċiproku u għaldaqstant iżid is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun,

- ser jinkoraġġixxi l-Partijiet sabiex jikkooperaw f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-osservanza tal-prinċipji tad-demokrazija, u r-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni

tad-drittijiet umani, inkluż ta’ dawk il-persuni li ġejjin minn minoranzi, u sabiex ikun hemm konsultazzjonijiet, jekk meħtieġa, fuq suġġetti relevanti.

Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta’ l-armi tal-qerda tal-massa (WMD) u l-mezzi li bihom jiġu provduti, kemm lill-istati kif ukoll lil entitajiet oħra, hija waħda mit-theddid l-aktar serju għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali. Il-Partijiet għaldaqstant jaqblu li għandhom jikkooperaw u jikkontribwixxu sabiex tiġi miġġielda l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi li bihom jiġu provduti permezz ta’ konformità sħiħa ma’ u implementazzjoni nazzjonali ta’ l-obbliġi internazzjonali skond it-trattati tad-diżarmament u kontra l-proliferazzjoni u l-ftehim u l-obbligi internazzjonali relevant l-oħrajn. Il-partijiet jaqblu li din id-disposizzjoniji hija element essenzjali ta’ dan il-ftehim u ser tifforma parti mid-djalogu politiku li ser jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi.

Il-partijiet aktar minn hekk jaqblu li għandhom jikkooperaw u jikkontribwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi li bihom jiġu pprovduti billi:

– jieħdu passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw, jew jaderixxu, skond il-każ, u jimplementaw l-istrumenti internazzjonali relevanti l-oħrajn kollha;

– jistabbilixxu sistema effettiva ta’ kontrolli nazzjonali fuq l-esportazzjoni, kontrolli fuq l-esportazzjoni kif ukoll fuq it-transitu ta’ oġġetti marbuta ma’ WMD, inkluż kontrolli ta’ l-użu aħħari ta’ WMD f’teknoloġiji li jista' jkollhom użu doppju u li jkollhom sanzjonijiet effettivi għal ksur ta’ kontrolli fuq l-esportazzjoni. Tali djalogu jista’ jseħħ fuq bażi reġjonali.

ARTIKOLU 5

Fil-livell ministerjali, id-djalogu politiku għandu jsir fi ħdan il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 77 u f’okkażjonijiet oħra bil-kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 6

Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri u mekkaniżmi oħrajn għad-djalogu politiku mill-Partijiet, prinċipalment:

- permezz ta' laqgħat regolari ta’ livell uffiċjali għoli bejn ir-rappreżentanti tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u tar-Repubblika tat-Taġikistan fuq in-naħa l-oħra;

- billi jużaw bis-sħiħ il-kuntatti diplomatiċi bejn il-Partijiet, b'mod partikolari l-kuntatti xierqa fl-oqsma bilaterali u multilaterali, inkluż fin-Nazzjonijiet Uniti, il-laqgħat ta’ l-OSCE u postijiet oħrajn;

- b’kull mezz ieħor, inkluż il-possibiltà ta’ laqgħat ta’ l-esperti li jikkontribwixxu għall-konsolidament u l-iżvilupp ta’ dan id-djalogu.

TITOLU III

KUMMERĊ FL-OĠĠETTI

ARTIKOLU 7

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin trattament ta' pajjiż l-aktar favorit fl-oqsma kollha fir-rigward ta':

- dazji u taxxi applikabbli fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, inkluż il-metodu ta' ġbir ta' tali dazji u taxxi;

- disposizzjonijiet dwar ir-rilaxx mid-dwana, it-tranżitu, l-imħażen u t-trasbord;

- taxxi u ħlasijiet interni oħra ta' kull għamla applikabbli direttament jew indirettament għall-oġġetti impurtati;

- metodi ta' ħlas u t-trasferiment ta' tali ħlasijiet;

- ir-regoli marbuta mal-bejgħ, ix-xiri, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu ta' l-oġġetti fis-suq domestiku.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal:

(a) vantaġġi mogħtija bl-iskop li tinħoloq unjoni doganali jew żona ta' kummerċ ħieles jew riżultat tal-ħolqien ta' tali unjoni jew żona;

(b) vantaġġi mogħtija lil xi pajjiżi partikolari skond ir-regoli tad-WTO u skond arranġamenti internazzjonali oħrajn favur pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(ċ) vantaġġi mogħtija lil pajjiżi konfinanti sabiex jiffaċilitaw it-traffiku fuq il-fruntieri.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw, għal perijodu transitorju li jiskadi ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, għall-vantaġġi mfissra fl-Anness I mogħtija mir-Repubblika tat-Taġikistan lil stati oħra li ħarġu mix-xoljiment ta' l-Unjoni Sovjetika.

ARTIKOLU 8

1. Il-Partijiet jaqblu illi l-prinċipju tat-transitu liberu huwa kundizzjoni essenzjali għall-kisba tal-miri ta' dan il-Ftehim.

F'dan ir-rigward kull Parti għandha tiżgura transitu liberu mit-territorju tagħha ta' oġġetti li joriġinaw fit-territorju doganali jew huma destinati għat-territorju doganali tal-Parti l-oħra.

2. Ir-regoli mfissra fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ta' l-Artikolu V tal-GATT 1994 huma applikabbli bejn il-Partijiet.

3. Ir-regoli li jinsabu f'dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċjali miftiehma bejn il-Partijiet fir-rigward ta' setturi speċifiċi, b'mod partikolari t-trasport, jew il-prodotti.

ARTIKOLU 9

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ammissjoni temporanja ta' oġġetti li jorbtu lill-Partijiet, kull Parti għandha tagħti lill-Parti l-oħra eżenzjoni mit-taxxi fuq l-importazzjoni u d-dazji fuq l-oġġetti ammessi temporanjament, fil-każijiet u skond il-proċeduri stipulati minn kwalunkwe konvenzjoni internazzjonali oħra fuq dan is-suġġett applikabbli għaliha, skond il-liġi tagħha. Għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu ġew aċċettati mill-Parti in kwistjoni l-obbligi li joħorġu minn tali konvenzjoni.

ARTIKOLU 10

1. Oġġetti li ġejjin mir-Repubblika tat-Taġikistan għandhom jiġu impurtati fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' l-istess effett, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 15 u 16 ta' dan il-Ftehim.

2. Oġġetti li ġejjin mill-Komunità għandhom jiġu impurtati fit-Taġikistan mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' l-istess effett, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 15 u 16 ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 11

L-oġġetti għandhom jiġu negozjati bejn il-Partijiet bi prezzijiet marbuta mas-suq.

ARTIKOLU 12

1. Fejn xi prodott ikun qed jiġi impurtat fit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet fi kwantitajiet miżjuda b'tali mod jew taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu għall-produtturi domestiċi ta' prodotti simili jew li jikkompetu magħhom, il-Komunità jew ir-Repubblika tat-Taġikistan, skond il-każ, jistgħu jieħdu l-miżuri xierqa skond il-proċeduri u l-kundizzjonijiet li ġejjin.

2. Qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura, jew fil-każijiet li għalihom japplika l-Artikolu 4, kemm jista' jkun malajr wara li tittieħed tali miżura, il-Komunità jew ir-Repubblika tat-Taġikistan, skond il-każ, għandha tgħaddi l-informazzjoni relevanti kollha lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni sabiex tiġi mfittxija soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet skond kif stipulat fit-Titolu XI.

3. Jekk, bħala riżultat tal-konsultazzjonijiet, il-Partijiet ma jilħqux ftehim fi żmien 30 ġurnata mir-referenza għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni dwar azzjonijiet ta' rimedju għas-sitwazzjoni, il-Parti li tkun talbet il-konsultazzjonijiet għandha tkun libera li tirrestrinġi l-importazzjoni tal-prodotti in kwistjoni fi kwantità u għal tul żmien li jkun meħtieġ sabiex tipprevjeni jew tirrimedja għad-dannu, jew sabiex tadotta miżuri oħra xierqa.

4. F'ċirkustanzi kritiċi fejn id-dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli li jiġi rimedjat, il-Partijiet jistgħu jieħdu l-miżuri qabel il-konsultazzjonijiet, dejjem fuq il-kundizzjoni li l-konsultazzjonijiet jinbdew immedjatament wara li tittieħed tali azzjoni.

5. Fl-għażla tal-miżuri taħt dan l-Artikolu, il-Partijiet għandhom jagħtu prijorità lil dawk li jikkawżaw l-anqas xkiel fil-kisba tal-miri ta' dan il-Ftehim.

6. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jippreġudika jew bi kwalunkwe mod jaffettwa l-introduzzjoni miż-żewġ Partijiet, ta' miżuri kontra d-*dumping* jew miżuri korrettivi skond l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Korrettivi jew il-leġislazzjoni interna marbuta ma' dan.

ARTIKOLU 13

Il-partijiet jobbligaw lilhom infushom li jaġġustaw id-disposizzjonijiet f'dan il-Ftehim dwar il-kummerċ fl-oġġetti bejniethom, fid-dawl taċ-ċirkostanzi, u b'mod partikolari tas-sitwazzjoni li toħroġ mill-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan mad-WTO. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jagħmel rakkommandazzjonijiet dwar tali aġġustamenti lill-Partijiet li jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ, meta jiġu aċċettati, bis-saħħa ta' ftehim bejn il-Partijiet skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 14

Dan il-Ftehim m'għandux jipprekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-oġġetti fi tranżitu fuq il-bażi ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja umana, ta' l-annimali jew pjanti; il-protezzjoni tar-riżorsi naturali; il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni tal-propjetà intellettwali, industrijali jew kummerċjali jew regoli marbuta mad-deheb u l-fidda. Tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet m'għandhomx, madanakollu, ikunu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarju jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 15

Il-kummerċ fit-tessuti li jaqa' taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tan-Nomenklatura Magħquda huwa regolat bi ftehim bilaterali separat. Wara l-iskadenza tal-ftehim separat, il-prodotti tessili għandhom jiġu inklużi f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16

Il-kummerċ f'materjali nukleari għandu jsir skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika. Jekk ikun meħtieġ, il-kummerċ f'materjali nukleari għandu jkun is-suġġett ta' Ftehim speċifiku li jrid jiġi konkluż bejn il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u r-Repubblika tat-Taġikistan.

TITOLU IV

DISPOSIZZJONIJIET LI JOLQTU N-NEGOZJU U L-INVESTIMENT

KAPITOLU I

Kundizzjonijiet tax-xogħol

ARTIKOLU 17

1. Suġġetti għall-liġijiet, kundizzjonijiet u proċeduri applikabbli f'kull Stat Membru, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jirsistu ħalli jiżguraw li t-trattament li jagħtu liċ-ċittadini tar-Repubblika tat-Taġikistan li jkunu residenti u impjegati legalment fit-territorju ta' Stat Membru għandhom ikunu liberi minn kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, ħlas jew tkeċċija, meta mqabbla maċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru nnifsu.

2. Suġġetti għal-liġijiet, kundizzjonijiet u proċeduri applikabbli fit-Taġikistan, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tirsisti ħalli tiżgura li t-trattament li jingħata liċ-ċittadini ta' Stat Membru residenti u impjegat legalment fit-territorju tat-Taġikistan għandu jkun liberu minn kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, ħlas jew tkeċċija meta imqabbla maċ-ċittadini tagħha stess.

ARTIKOLU 18

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jeżamina x'titjib jista' jsir fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għan-negozjanti skond l-impenji internazzjonali tal-Partijiet, inklużi dawk elenkati fid-dokument tal-Konferenza ta' Bonn tas-CSCE.

ARTIKOLU 19

Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-implementazzjoni ta’ l-Artikoli 17 u 18.

KAPITOLU II

Kundizzjonijiet li jaffettwaw it-twaqqif u l-operat tal-kumpaniji

ARTIKOLU 20

1. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu, għat-twaqqif ta' kumpaniji Taġiki kif imfissra fl-Artikolu 22(d), trattament li ma jkunx anqas vantaġġuż minn dak li jagħtu lil kull kumpanija minn pajjiż terz.

2. Mingħajr preġudizzju għar-riservi elenkati fl-Anness II, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu lis-sussidjarji ta’ kumpaniji Taġiki stabbiliti fit-territorji tagħhom trattament li ma jkunx anqas vantaġġuż minn dak li jagħtu lil kull kumpanija tal-Komunità, fir-rigward ta’ l-operat tagħhom.

3. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu lill-fergħat ta’ kumpaniji Taġiki stabbiliti fit-territorji tagħhom trattament li ma jkunx anqas vantaġġuż minn dak li jagħtu lill-fergħat ta’ kumpaniji ta’ kwalunkwe pajjiż terz, fir-rigward ta’ l-operat tagħhom.

4. Ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tagħti, għat-twaqqif ta' kumpaniji tal-Komunità kif imfissra fl-Artikolu 22(d), trattament li ma jkunx anqas vantaġġuż minn dak li tagħti lil kull kumpanija Taġika jew lil kull kumpanija ta’ pajjiż terz, skond liema waħda tkun l-aktar vantaġġuża minnhom.

5. Ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tagħti lis-sussidjarju u lill-fergħat ta’ kumpaniji tal-Komunità stabbiliti fit-territorju tagħha trattament li ma jkunx anqas vantaġġuż minn dak li tagħti lill-kumpaniji jew fergħat ta’ kumpaniji Taġiki, jew lill-kumpaniji jew fergħat ta’ kwalunkwe pajjiż terz, skond liema waħda tkun l-aktar vantaġġuża minnhom, fir-rigward ta’ l-operat tagħhom.

ARTIKOLU 21

1. Id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 20 m’għandhomx japplikaw għat-trasport bl-ajru, għat-trasport intern bil-kanali u għat-trasport marittimu.

2. Madanakollu, fir-rigward ta’ attivitajiet li jsiru minn aġenziji tat-tbaħħir għall-provvista ta’ servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali, inklużi attivitajiet b’aktar minn mezz wieħed, li jinvolvu parti bil-baħar, kull Parti għandha tippermetti lill-kumpaniji tal-Parti l-oħra li jkollhom preżenza fit-territorju tagħha permezz ta’

sussidjarja jew fergħa, taħt kundizzjonijiet ta' stabbiliment u operat li ma jkunux anqas vantaġġuzi minn dawk li tagħti lill-kumpaniji tagħha stess jew lis-sussidjarji jew il-fergħat ta' kumpaniji ta' kull pajjiż terz, skond liema waħda tkun l-aktar vantaġġuża minnhom.

Tali attivitajiet jinkludu iżda mhux limitat għal:

(a) kumerċjalizzazzjoni u bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi oħra relatati permezz ta' kuntatt dirett mal-konsumaturi, minn stima sa fattura, irrelevanti minn jekk dawn is-servizzi jitħaddmux jew jiġux offruti mill-fornitur innifsu jew minn fornituri ta' servizzi li magħhom il-bejjiegħ tas-servizz ikollu arranġamenti kummerċjali;

(b) ix-xiri u l-użu, f'isimhom propju jew f'isem il-konsumaturi tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-konsumaturi tagħhom), ta' kull servizz ta' trasport u servizzi oħra relatati, inkluż s-servizzi ta' trasport lejn il-pajjiż b'kull mezz, partikolarment bil-kanali interni, bit-triq u bil-ferrovija, li jkunu meħtieġa sabiex jipprovdu servizz integrat;

(ċ) il-preparazzjoni ta' dokumenti ta' trasport, dokumenti tad-dwana, jew dokumenti oħrajn marbuta ma' l-oriġini u t-tip ta' l-oġġetti trasportati;

(d) il-provvista ta' informazzjoni kummerċjali b'kull mezz, inklużi sistemi ta' informazzjoni bil-kompjuter u skambju ta' data elettronika (*electronic data interchange*) (suġġett għar-restrizzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni li jikkonċernaw il-komunikazzjonijiet elettroniċi);

(e) it-twaqqif ta' kull arranġament finanzjarju, inkluż il-parteċipazzjoni fl-ishma tal-kumpanija u l-ħatra ta' persunal ingaġġat lokalment (jew, fil-każ ta' ħaddiema barranin, skond id-disposizzjonijiet relevanti ta' dan il-Ftehim), ma' kwalunkwe aġenzija ta' tbaħħir stabbilita lokalment;

(f) rappreżentanza ta' kumpaniji, organizzazzjoni tal-portijiet li ser iżur il-vapur jew l-aċċettazzjoni ta' tagħbija meta dan ikun meħtieġ.

ARTIKOLU 22

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "Kumpanija tal-Komunità" jew "Kumpanija Taġika" jfissru rispettivament kumpanija stabbilita skond il-liġijiet ta' Stat Membru jew tar-Repubblika tat-Taġikistan u li għandha l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità jew tar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament. Madanakollu, jekk kemm-il darba kumpanija stabbilita skond il-liġijiet ta' Stat Membru jew tar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament ikollha biss l-uffiċċju reġistrat fit-territorju tal-Komunità jew tar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament, il-kumpanija għandha tiġi meqjusa bħala kumpanija tal-

Komunità jew Taġika rispettivament jekk l-operazzjonijiet tagħha jkollhom rabta reali u kontinwa ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri jew mar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament.

(b) "Sussidjarja" ta' kumpanija tfisser kumpanija li effettivament tkun ikkontrollata mill-ewwel kumpanija.

(ċ) "Fergħa" ta' kumpanija tfisser post tan-negozju li ma jkollux personalità ġuridika li jidher bħala permanenti, bħall-estensjoni tal-kumpanija *parent*, għandha amministrazzjoni tagħha u tista' tinnegozja ma' terzi b'tali mod li dan ta' l-aħħar, minkejja li jkun jaf li jekk ikun meħtieġ ser ikun hemm rabta mal-kumpanija *parent* li l-uffiċċju ċentrali tagħha jkun barra l-pajjiż, ma jkollux għalfejn jinnegozja direttament mal-*parent* iżda jista' jinnegozja mill-ewwel fil-post li jservi bħala estensjoni.

(d) "Twaqqif" għandu jfisser id-dritt tal-kumpaniji tal-Komunità jew Taġiki kif imsemmi fil-punt (a) li jibdew attivitajiet ekonomiċi permezz ta' l-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat fir-Repubblika tat-Taġikistan jew fil-Komunità rispettivament.

(e) "Operazzjoni" għandha tfisser il-fatt li jsiru transazzjonijiet kummerċjali.

(f) "Attivitajiet ekonomiċi" għandha tfisser attivitajiet ta' natura industrijali, kummerċjali u professjonali.

Fir-rigward tat-trasport marittimu internazzjonali, inklużi operazzjonijiet b'mezzi ta' trasport differenti li jinvolvu parti bil-baħar, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jew tar-Repubblika tat-Taġikistan li jkunu bbażati barra l-Komunità jew ir-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament, u l-kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra l-Komunità jew ir-Repubblika tat-Taġikistan u kontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru jew ċittadini tar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament, għandhom ikunu wkoll il-benefiċjarji tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u ta' Kapitolu III jekk il-bastimenti tagħhom ikunu reġistrati f'dak l-Istat Membru jew fir-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament skond il-liġijiet rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 23

1. Minkejja kwalunkwe disposizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, Parti m'għandhiex titwaqqaf milli tieħu miżuri ta' natura prudenzjali, inkluż għall-protezzjoni ta' l-investituri, id-depożitanti, min għandu polza ta' l-assigurazzjoni jew persuni li huma intitolati għal responsabbiltà fiduċjarja minn għand fornitur ta' servizzi finanzjarji, jew sabiex tiżgura l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Fejn dawn il-miżuri ma jkunux jaqblu mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, m'għandhomx jintużaw bħala mezzi biex jevadu l-obbligi ta' xi Parti taħt dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiftiehem illi jitlob lil xi Parti tikxef informazzjoni marbuta max-xogħol jew il-kontijiet ta' klijenti individwali jew ma' kull informazzjoni kunfidenzjali jew propjetarja li tkun fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

3. Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, "servizzi finanzjarji” tfisser dawk l-attivitajiet imfissra fl-Anness III.

ARTIKOLU 24

Id-disposizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim m’għandhomx jippreġudikaw l-applikazzjoni minn kull Parti ta’ kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex ma jkunux jistgħu jiġu evitati l-miżuri marbuta ma’ l-aċċess ta’ terzi pajjiżi għas-suq tagħha, permezz tad-disposizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 25

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta` Kapitolu 1 ta` dan it-Titolu, kumpanija tal-Komunità jew kumpanija Taġika stabbilita fit-territorju tar-Repubblika ta Taġikistan jew fil-Komunità rispettivament hija intitolata li timpjega magħha, jew ma’ waħda mis-sussidjarji jew friegħi tagħha, skond il-liġijiet applikabbli fil-pajjiż fejn hi stabbilita, fit-territorju tar-Repubblika tat-Taġikistan u fil-Komunità rispettivament, impjegati li huma ċittadini ta’ Stati Membri tal-Komunità u tar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament, sakemm dawn l-impjegati huma persunal ta` valur essenzjali skond kif stipulat fil-paragrafu 2, u li huma impjegati esklussivament minn kumpaniji, jew fergħat ta` kumpaniji. Il-permessi tar-residenza u tax-xogħol ta’ tali impjegati għandhom ikopru biss iż-żmien ta` dan l-impjieg.

2. L-impjegati essenzjali ta` dawn il-kumpaniji msemmija hawn fuq li minn issa se jiġu msejħa "organizzazzjonijiet” huma “persuni trasferiti intra-korporativament” kif stipulat f’(c) fl-oqsma segwenti, sakemm l-organizzazzjoni tkun persuna legali u l-persuni konċernati jkunu ġew impjegati minnha jew kienu msieħba fiha (ħlief għal azzjonisti maġġoritari) għal żmien ta’ mhux inqas minn sena immedjatament qabel it-tali moviment:

   (a) Persuni li jaħdmu f’pożizzjoni għolja ma’ organizzazzjoni, li primarjament imexxu l-azjenda, u li jaqgħu prinċiparjament taħt il-bord tad-diretturi jew l-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, li jinkludu:

      - it-tmexxija ta' l-istabbiliment jew dipartiment jew xi parti ta’ l-istabbiliment,

      - is-superviżjoni u l-kontroll tax-xogħol ta` impjegati oħra professjonali, maniġerjali jew ta’ sorveljanza,

      - li jkollhom l-awtorità li jimpjegaw jew ikeċċu l-impjegati jew jagħtu pariri dwar l-impjegar, it-tkeċċijja jew azzjonijiet oħra li għandhom x’jaqsmu ma` l-impjegati.

   (b) Persuni li jaħdmu fi ħdan organizzazzjoni li għandhom kapaċità mhux komuni li hija essenzjali għas-servizz, l-apparat ta’ riċerka, it-tekniki jew it-tmexxija ta’ l-istabbiliment. Meta din il-kapaċità tiġi kkunsidrata, din tista’, apparti milli tkun kapaċità speċifika għall-istabbiliment, tirrifletti livell għoli ta` kwalifiki

relatati ma’ xi għamla ta`xogħol jew sengħa li jeħtieġu kapaċitajiet tekniċi speċifiċi, inkluż is-sħubija fi ħdan professjoni akkreditata.

(c) "Persuna trasfertita intra-korporativament” hija persuna naturali li taħdem fi ħdan organizzazzjoni fit-territorju ta’ waħda mill-Partijiet, u li hija temporanjament trasferita għal finijiet ta` attivitajiet ekonomiċi fit-territorju tal-Parti l-oħra; tali organizzazzjoni għandha jkollha l-bażi kummerċjali ewlenija tagħha fit-territorju ta’ waħda mill-Partijiet u t-trasferiment ikun lejn fergħa jew kumpanija sussidjarja ta’ l-istess organizzazzjoni li effettivament tagħmel l-istess attivitajiet ekonomiċi fit-territorju tal-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 26

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jevitaw li jieħdu xi miżuri jew azzjonijiet li jrendu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-operat tal-kumpaniji rispettivi tagħhom fi stat iktar ristrettiv milli kienu sal-ġurnata ta’ qabel l-iffirmar tal-Ftehim.

2. Id-dispożizzjonijiet ta` dan l-Artikolu huma bla preġudizzju għal dawk ta’ Artikolu 34: is-sitwazzjonijiet li jkopri l-Artikolu 34 għandhom jiġu rregolati esklussivament mid-dispożizzjonijiet tiegħu.

3. Fi spirtu ta’ sħubija u kooperazzjoni u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 40, il-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan għandu javża lill-Komunità dwar l-intenzjonijiet tiegħu li jissottometti liġijiet ġodda jew jadotta regolamenti ġodda li jistgħu jrendu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment jew operat fir-Repubblika tat-Taġikistan ta` sussidjarji u fergħat ta’ kumpaniji tal-Komunità fi stat iktar ristrett milli kienu sal-ġurnata ta’ qabel ma ġie ffirmat il-Ftehim. Il-Komunità tista’ titlob lir-Repubblika tat-Taġikistan biex tgħaddilha l-abbozzi ta’ tali liġijiet jew regolamenti u tibda konsultazzjonijiet fuq dawn l-abbozzi.

4. Fejn liġijiet jew regolamenti ġodda introdotti mir-Repubblika tat-Taġikistan jistgħu jrendu l-kundizzjonijiet ta` l-operat ta’ sussidjarji u fergħat ta` kumpaniji tal Komunità stabbiliti fir-Repubblika tat-Taġikistan fi stat iktar ristrett milli kienu sal-ġurnata ta` qabel ma gie iffirmat il-Ftehim, tali liġijiet jew regolamenti m’għandhomx japplikaw sa tliet snin mill-introduzzjoni ta’ l-att li jirreferi għal dawk is-sussidjarji jew fergħat li huma diġà stabbiliti fir-Repubblika tat-Taġikistan fiż-żmien meta l-att in kwistjoni sar applikabbli.

KAPITOLU III

Provvista transfruntiera ta' servizzi bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan

ARTIKOLU 27

1. Il-Partijiet jobbligaw lilhom infushom skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li jieħdu l-passi meħtieġa biex iħallu progressivament il-forniment ta' servizzi minn kumpaniji tal-Komunità jew Taġiki li huma stabbiliti f'parti li mhix tal-persuna li ser tirċievi dawn is-servizzi, b'konsiderazzjoni ta' l-iżvilupp tas-setturi tas-servizzi fiż-żewġ Partijiet.

2. Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-implementazzjoni tal-paragrafu 1.

ARTIKOLU 28

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jiżviluppaw settur tas-servizzi skond l-eżiġenzi tas-suq fir-Repubblika tat-Taġikistan.

ARTIKOLU 29

1. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju ta' aċċess mingħajr ebda restrizzjonijiet għas-suq u t-traffiku marittimu internazzjonali fuq bażi kummerċjali:

   (a) Din id-dispożizzjoni ma tippreġudikax id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-Konferenzi tal-Bastimenti tal-Linja, kif japplikaw għal Parti jew oħra f'dan il-Ftehim. Linji mhux ta` konferenza ser ikunu liberi li joperaw f'kompetizzjoni ma' konferenza sakemm jaderixxu mal-prinċipju ta` kompetizzjoni ġusta fuq bażi kummerċjali.

   (b) Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom għal ambjent ta` kompetizzjoni ħielsa bħala fattur essenzjali għall-kummerċ ta' merkanzija solida u likwida.

2. Fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom:

   (a) ma japplikawx, mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, xi forma ta' dispożizzjonijiet ta' ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri tal-Komunità u dawk ta' l-ex Unjoni Sovjetika dwar qsim ta' merkanzija;

   (b) ma jintroduċux klawsoli ta'qsim ta' merkanzija fi ftehim bilaterali futuri ma' pajjiżi terzi, ħlief f`dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn kumpaniji li joperaw

il-bastimenti tal-linja minn Parti jew oħra f'dan il-Ftehim ma jkollhom ebda opportunità effettiva li jiksbu kummerċ lejn u mill-pajjiż terz konċernat;

(c) jipprojbixxu arranġamenti ta' qsim ta' merkanzija fi ftehim bilaterali futuri rigward il-kummerċ ta' merkanzija solida u likwida;

(d) jabolixxu, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull miżura unilateral, ostakoli amministrattivi, tekniċi u oħrajn li jistgħu jkollhom effetti restrittivi jew diskriminatorji fuq il-forniment bla tfixkil ta' servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

3. Kull Parti m'għandhiex, fost affarijiet oħra, titratta b'mod anqas vantaġġuż lil bastimenti li huma operati minn ċittadini jew kumpaniji tal-Parti l-oħra mill-mod kif titratta il-bastimenti tagħha stess f'dak li għandu x'jaqsam ma' aċċess għall-portijiet miftuħa għall-kummerċ internazzjonali, l-użu ta' infrastruttura u servizzi marittimi awżiljarji tal-portijiet, tariffi u spejjeż involuti, faċilitajiet ta` dwana u allokazzjoni ta' postijiet ta' rmiġġ u faċilitajiet għat-tgħabbija u l-ħatt.

ARTIKOLU 30

Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp koordinat tat-trasport bejn il-Partijiet, skond il-ħtiġijiet kummerċjali tagħhom, il-kundizzjonijiet ta` aċċess reċiproku għas-suq u forniment ta` servizzi ta' trasport fuq l-art, bil-ferrovija, u kanali interni u, jekk applikabbli, bl-ajru, jistgħu jaqgħu taħt ftehim speċifiku negozjat bejn il-Partijiet wara d-dħul fis-seħħ ta'dan il-Ftehim.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet Ġenerali

ARTIKOLU 31

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom jiġu applikati taħt ċerti limiti, fuq bażi ta` politika pubblika, sigurtà pubblika, jew sanità pubblika.

2. Dawn m'għandhomx japplikaw għal attivitajiet li fit-territorju tal-partijiet għandhom xi konnessjoni, anke jekk okkażżjonali, ma' l-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.

ARTIKOLU 32

Għar-raġunijiet ta` dan it-Titolu, xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf il-Partijiet milli japplikaw il-liġijiet u r-regoli tagħom dwar id-dħul u r-residenza, ix-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istabbiliment ta' persuni naturali u forniment ta` servizzi, sakemm, jekk isir hekk, dawn ma jiġux applikati b'tali mod li jwaqqfu jew iżommu lura lil xi Parti milli tgawdi mill-benefiċċji skond xi dispożizzjoni speċifika ta` dan il-Ftehim. Din id-dispożizzjoni ma tippreġudikax l-implimentazzjoni ta` Artikolu 31.

ARTIKOLU 33

Kumpaniji li huma mmexxija jew ipposieduti esklussivament minn kumpaniji Taġiki u tal-Komunità għandhom ikunu benefiċjarji konġunti tad-dispożizzjonijiet ta' Kapitoli II, III u IV.

ARTIKOLU 34

It-trattament mogħti lil Parti jew oħra skond dan il-Ftehim għandu, mill-jum li jinzerta xahar qabel id-data ta` dħul fis-seħħ ta` l-obbligazzjonijiet relevanti tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS), fir-rigward tas-setturi jew miżuri koperti mill-GATS, fl-ebda każ ma għandu jkun iktar vantaġġuż minn dak mogħti minn din l-ewwel Parti, taħt id-dispożizzjonijiet tal- GATS u dan fir-rigward ta' kull settur ta` servizzi, setturi sekondarji u mezzi ta` forniment.

ARTIKOLU 35

Għall-finijiet tal-Kapitoli II, III u IV, ebda konsiderazzjoni ma għandha tingħata tat-trattament mogħti mill-Komunità, l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tat-Taġikistan skond l-obligazzjonijiet li daħlu għalihom fir-rigward tal-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika skond il-prinċipji ta' l-Artikolu V tal-GATS.

ARTIKOLU 36

1. It-trattament ta' l-iktar nazzjon favorit mogħti skond id-dispożizzjoni ta` dan it-Titolu ma għandux japplika għall-vantaġġi ta` taxxi li l-Partijiet qegħdin jipprovdu, jew li ser jipprovdu fil-ġejjieni, fuq il-bażi ta' ftehim biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jew arranġamenti fiskali oħra.

2. Xejn minn dan it-Titolu m'għandu jittieħed b'mod li jfixkel l-adozzjoni jew l-infurzar mill-Partijiet ta' xi miżura mmirata lejn il-prevenzjoni ta' l-evitar jew l-evażjoni ta` taxxi fit-tfittxija ta' dispożizzjonijiet fiskali ta' ftehim biex tkun evitata t-tassazzjoni doppja, arranġamenti fiskali oħrajn jew leġislazzjoni fiskali domestika.

3. Xejn minn dan it-Titolu ma għandu jfixkel lill-Istati Membri jew ir-Repubblika tat-Taġikistan milli jgħarfu, fl-implimentar tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom, bejn dawk li jħallsu t-taxxi li m'humiex f'ċirkustanzi identiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-post ta` residenza tagħhom.

ARTIKOLU 37

Mingħajr preġudizzju lejn l-Artikolu 24, ebda dispożizzjoni tal-Kapitoli II, III u IV ma għandha tiġi interpretata b`tali mod li tagħti d-dritt li:

- ċittadini ta' l-Istati Membri jew tar-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament jidħlu, jew joqogħdu, fit-territorju tar-Repubblika tat-Taġikistan jew tal-Komunità` rispettivament fi kwalunkwe kapaċità, u b'mod partikolari bħala azzjonisti jew bi

sħab f'kumpanija jew bħala diriġenti jew impjegati tagħha jew fornituri jew riċevituri ta' servizzi;

- Sussidjarji tal-Komunità jew fergħat ta` kumpaniji Taġiki jimpjegaw, jew ħaddieħor jimpjega magħhom, ċittadini tar-Repubblika tat-Taġikistan fit-territorju tal-Komunità;

- Sussidjarji Taġiki jew fergħat ta` kumpaniji tal-Komunità jimpjegaw, jew ħaddieħor jimpjega magħhom, ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità fit-Territorju tar-Repubblika tat-Taġikistan;

- Kumpaniji Taġiki jew sussidjarji tal-Komunità jew fergħat ta' Kumpaniji Taġiki jissupplixxu persuni Taġiki biex jidhru f'isem u taħt il-kontroll ta', persuni oħra b`kuntratti ta' impjieg temporanju;

- Kumpaniji tal-Komunità jew sussidjarji Taġiki jew fergħat ta' Kumpaniji tal-Komunità jissupplixxu ħaddiema li huma ċittadini ta' l-Istati Membri b`kuntratti ta' impjieg temporanju.

Kapitolu V

Pagamenti kurrenti u kapitali

ARTIKOLU 38

1. Il-Partijiet jobbligaw lilhom infushom li jawtorizzaw f'munita li tissarraf faċilment kull pagament fuq il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti bejn residenti tal-Komunità u tar-Repubblika tat-Taġikistan konnessi mal-moviment ta' merkanzija, servizzi jew persuni skond id-dispożizzjonijiet ta` dan il-Ftehim.

2. Rigward transazzjonijiet fuq il-kont kapitali tal-bilanċ tal-pagamenti, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-moviment ħieles ta` kapital għandu jkun żgurat għal raġunijiet ta' investiment dirett f'kumpaniji mwaqqfa skond il-liġijiet tal-pajjiżi ospitant, investimenti magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II, u l-likwidazzjoni jew ripatrijazzjoni ta` dawn l-investimenti jew ta' kull qliegħ li jsir minnhom.

3. Bla ebda preġudizzju għall-paragrafu 2 jew paragrafu 5, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, ebda restrizzjoni ta` rata tal-kambju ma għandha tiġi introdotta fuq il-moviment ta` kapital u ta' pagamenti kurrenti jew kapitali marbuta magħhom bejn residenti tar-Repubblika tat-Taġikistan u tal-Komunità u lanqas ma għandhom jiġu aktar ristretti l-arranġamenti eżistenti.

4. Il-Partijiet, ser jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiffaċilitaw il-moviment ta` forom ta` kapital apparti dawk imsemmija fil-paragrafu 2 bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan biex jippromwovu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

5. Rigward id-dispożizzjonijiet ta` dan l-Artikolu, sa meta l-munita Taġika tkun tista' tissarraf fil-kuntest ta' l-Artikolu VIII ta' l-Artikoli ta` Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), ir-Repubblika tat-Taġikistan tista' f'każi eċċezzjonali tapplika restrizzjonijiet ta' kambju marbuta ma' l-għotja jew akkwist ta` krediti finanzjarji għal perijodi ta' żmien qasir jew medju, sal-punt li tali restrizzjonijiet ikunu imposti fuq it-Taġikistan għall-għotja ta` tali krediti u huma permessi skond l-istatus tar-Repubblika tat-Taġikistan fl-IMF. Ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tapplika dawn ir- restrizzjonijiet b'mod mhux diskriminatorju. Dawn għandhom jiġu applikati b'tali mod li jfixklu mill-inqas lil dan il-Ftehim. Ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tgħarraf lill-Kunsill tal- Kooperazzjoni minnufih dwar l-introduzzjoni ta` dawn il-miżuri jew kull tibdiliet fihom.

6. Mingħajr ebda preġudizzju lejn il-paragrafi 1 u 2, fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, movimenti ta' kapital bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan, jikkaġunaw, jew jheddu li jikkaġunaw, tfixkil serju għall-operat tal-politika monetarja jew tal-politika tar-rati ta` kambju fil-Komunità jew fit-Taġikistan, il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan rispettivament jistgħu jieħdu miżuri ta' protezzjoni dwar il-movimenti ta` kapital bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan għal-żmien ta` mhux iktar minn sitt xhur, jekk dawn il-miżuri huma verament meħtieġa.

KAPITOLU VI

Protezzjoni tal-propjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali

ARTIKOLU 39

1. Skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Anness IV, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tkompli ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet intelletwali, industrijali u kummerċjali sabiex tipprovdi, sa l-aħħar tal-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, livell ta' protezzjoni simili għal dak li hemm fil-Komunità, inklużi mezzi effettivi ta' infurzar ta' tali drittijiet.

2. Sa l-aħħar tal-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha taderixxi mal-konvenzjonijiet multilaterali dwar il-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' l-Anness IV li tagħhom huma partijiet l-Istati Membri jew li huma *de facto* applikati mill-Istati Membri, skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawn il-konvenzjonijiet. Għall-implementazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Komunità ser tipprovdi għajnuna kull fejn tkun possibbli.

TITOLU V

KOOPERAZZJONI LEĠISLATTIVA

ARTIKOLU 40

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li kundizzjoni importanti għat-tisħiħ tal-kollegamenti ekonomiċi bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan hija l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti u futura tat-Taġikistan lejn dik tal-Komunità. Ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-liġijiet tagħha gradwalment isiru kompatibbli ma` dawk tal-Komunità.

2. L-approssimazzjoni tal-liġijiet għandha tiġi estiża b'mod partikolari għal dawn l-oqsma: il-liġijiet tad-dwana, tal-kumpaniji, tal-*banking* u servizzi finanzjarji oħra, tal-kontijiet u t-taxxi tal-kumpaniji, tal-propjetà intellettwali, tal-protezzjoni tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, tar-regoli dwar il-kompetizzjoni, inklużi materji relatati u prattiki li jaffettwaw il- kummerċ, tal-prokura pubblika, tal-ħarsien tas-saħħa u tal-ħajja umana, annimali u pjanti, ta' l-ambjent, tal-protezzjoni tal-konsumatur, tat-tassazzjoni indiretta, tar-regoli u standards tekniċi, liġijiet u regolamenti nukleari u regolamenti, tat-transport u tal-komunikazzjoni elettronika.

3. Il-Komunità għandha tipprovdi lir-Repubblika tat-Taġikistan b'assistenza teknika sabiex jitwettqu dawn il-miżuri, li jistgħu jinkludu:

   - skambju ta' esperti;
   - proviżjoni ta` informazzjoni minn kmieni, l-iktar dwar leġiżlazzjoni relevanti;
   - organizzazzjoni ta` seminars;
   - taħriġ ta` persunal involut fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta` liġijiet;
   - għajnuna għat-traduzzjoni ta` liġijiet tal-Komunità fl-oqsma relevanti.

4. Il-Partijiet jiftiehmu li jeżaminaw mezzi sabiex jiġu applikati flimkien il-liġijiet rispettivi tagħom dwar il-kompetizzjoni f'dawk il-każi fejn jintlaqat il-kummerċ ta' bejniethom.

TITOLU VI

KOOPERAZZJONI EKONOMIKA

ARTIKOLU 41

1. Il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni ekonomika bil-għan li jgħinu fil-proċess ta' riforma u rkuprar ekonomiku u ta'

żvilupp sostenibbli tar-Repubblika tat-Taġikistan. Tali kooperazzjoni għandha ssaħħaħ il-kollegamenti ekonomiċi eżistenti għall-benefiċċju tal-Partijiet.

2. Politiki u miżuri oħra ser jiġu ser jiġu mfassla sabiex iwasslu għal riformi ekonomiċi u soċjali u r-ristrutturar ta' sistemi ekonomiċi fir-Repubblika tat-Taġikistan u ser jiġu mmexxija mill-ħtiġijiet tas-sostenibilità u żvilupp soċjali armonjuż; dawn ser jinkludu wkoll bis-sħiħ konsiderazzjonijiet ambjentali u l-ġlieda kontra l-faqar.

3. Għall-finijiet ta` dan il-kooperazzjoni ser tikkonċentra, b'mod partikolari, fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani, l-appoġġ għall-intrapriżi (inkluż il-privatizzazzjoni, l-investiment u l-iżvilupp tas-servizzi finanzjarji), l-agrikoltura u l-ikel (inkluż is-sigurtà ta' l-ikel), l-enerġija (inkluża dik idro-elettrika), l-immaniġġjar ta' ilma u sigurtà ċivili nukleari, is-saħħa u l-ġlieda kontra l-faqar, it-trasport, is-servizzi postali, il-komunikazzjoni elettronika, it-turiżmu, il-protezzjoni ambjentali, l-attività transkonfinanti u l-kooperazzjoni reġjonali.

4. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lil miżuri li jistgħu jtejbu it-trawwim tal-potenzjal ekonomiku tar-Repubblika tat-Taġikistan u l-kooperazzjoni reġjonali.

5. Fejn xieraq, il-kooperazzjoni ekonomika u forom oħra ta` kooperazzjoni stipulati f'dan il-Ftehim jistgħu jiġu sostnuti b'għajnuna teknika mill-Komunità, skond ir-Regoli tal-Kunsill tal-Komunità li japplikaw għall-assistenza teknika fl-Istati Indipendenti, il-prijoritajiet miftiehma fil-programm indikattiv għall–assistenza teknika tal-Komunità lill-Asja Ċentrali u l-applikazzjoni tiegħu għar-Repubblika tat-Taġikistan u l-koordinazzjoni u proċeduri ta' implementazzjoni stabbiliti tiegħu. Ir-Repubblika tat-Taġikistan tista' tibbenefika wkoll minn programmi oħra tal-Komunità skond ir-regolamenti appożiti adottati mill-Kunsill.

ARTIKOLU 42

Kooperazzjoni fil-qasam tal-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi

Il-Partijiet ser jikkooperaw sabiex jiżguraw li l-kummerċ internazzjonali tar-Repubblika tat-Taġikistan isir skond ir-regoli tad-WTO. Il-Komunità għandha tagħti għajnuna teknika lir-Repubblika tat-Taġikistan f'dan ir-rigward.

Tali kooperazzjoni għandha tinkludi punti speċifiċi direttament relevanti għall-iffaċilitar tal-kummerċ, b'mod partikolari sabiex tingħata għajnuna lir-Repubblika tat-Taġikistan sabiex tarmonizza l-liġi u r-regolamenti tagħha mar-regoli tad-WTO u b'hekk tissodisfa malajr kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni ma' dik l-organizzazzjoni. Dawn jinkludu:

- it-tfassil ta' politika dwar il-kummerċ u materji marbuta mal-kummerċ, inkluż il-pagamenti u l-mekkaniżmi ta' *clearing*,

- it-tfassil ta' leġislazzjoni relevanti.

ARTIKOLU 43

Kooperazzjoni industrijali

1. Il-kooperazzjoni għandha timmira li tippromwovi b'mod partikolari dawn li ġejjin:

   - l-iżvilupp ta` kollegamenti kummerċjali bejn operaturi ekonomiċi taż-żewġ Partijiet, inkluż bejn l-intrapriżi ż-zgħar u ta' daqs medju;

   - il-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-isforzi tar-Repubblika tat-Taġikistan għar-ristrutturara ta' l-industrija tagħha;

   - it-titjib fit-tmexxija;

   - it-titjib tal-kwalità tal-prodotti industrijali u l-adattament tagħhom ma` livelli internazzjonali;

   - l-iżvilupp ta` produzzjoni effiċjenti u kapaċità ta' l-ipproċessar fis-settur tal-materja prima;

   - l-iżvilupp ta' regoli kummerċjali u prattiki xierqa, inkluż il-*marketing* tal-prodotti;

   - il-ħarsien ta' l-ambjent;

   - il-konverżjoni tad-difiża;

   - it-taħriġ ta' l-impjegati.

2. Id-dispożizzjonijiet ta` dan l-Artikolu ma għandhom l-ebda effett fuq l-infuzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità li huma applikabbli għan-negozji.

ARTIKOLU 44

Promozzjoni u protezzjoni ta' l-investiment

1. Filwaqt li jiftakru l-poteri u l-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, il-kooperazzjoni għandha timmira lejn il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-investiment privat, kemm domestiku u barrani, l-iktar billi jkun hemm titjib fil-kondizzjonijiiet għall-ħarsien ta' l-investiment, it-trasferiment ta' kapital u l-iskambju ta` informazzjoni dwar opportunitajiet ta` investiment.

2. Il-għanijiet tal-kooperazzjoni għandhom ikunu b'mod partikolari:

   - li jiġu konklużi, fejn xieraq, ftehim bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tat-Taġikistan sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja;

- li jinħolqu kondizzjonijiet vantaġġużi sabiex jattiraw investiment barrani fl-ekonomija Taġika;

- li jinħolqu liġi u kondizzjonijiet tal-kummerċ stabbli u adegwati, u li tiġi skambjata informazzjoni dwar liġijiet, regolamenti u prattiki amministrattivi fil-qasam ta' l-investiment;

- li tiġi skambjata infomazzjoni dwar opportunitajiet ta' investiment taħt forma, fost affarijiet oħra, ta' fieri kummerċjali, wirjiet, ġimgħat apposta għall-kummerċ u avvenimenti oħra.

ARTIKOLU 45

Appalti pubbliċi

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżviluppaw kondizzjonijiet għal għoti ta' kuntratti għall-oġġetti u s-servizzi, b'mod trasparenti u kompetittiv, b'mod partikolari billi jinħarġu sejħiet għall-offerti.

ARTIKOLU 46

Kooperazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u eżami ta' konformità

1. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tippromwovi allinjament ma' kriterji, prinċipji u linji ta' gwida maqbula fuq livell internazzjonali fl-oqsma tal-metroloġija, l-istandards u l-eżami ta' konformità, sabiex tiffaċilita l-progress lejn rikonoxximent reċiproku fil-qasam ta' l-eżami ta' konformità, u sabiex ittejjeb il-kwalità tal-prodotti Taġiki.

2. Għal dan il-għan il-Partijiet għandhom jippruvaw jikkooperaw fi proġetti ta' għajnuna teknika li sejrin:

   - jippromwovu kooperazzjoni kif suppost ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet speċalizzati f'dawn l-oqsma;

   - jippromwovu l-użu tar-regolamenti tekniċi tal-Komunità u l-applikazzjoni ta' l-istandards u l-proċeduri ta' eżami tal-konformità Ewropej;

   - jippermettu l-qsim ta' esperjenza u informazzjoni teknika fil-qasam ta' l-immaniġġjar tal-kwalità.

ARTIKOLU 47

Minjieri u materja prima

1. Il-Partijiet għandhom jimmiraw sabiex iżidu l-investiment u l-kummerċ fil-minjieri u l-materja prima, inkluzi metalli li ma għandhomx x'jaqsmu mal-ħadid.

2. Il-kooperazjoni għandha tiffoka partikolarment fuq dawn l-oqsma li ġejjin:

   - l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prospetti ta' tħaffir ta' minjieri u s-setturi tal-metalli li għandhom x'jaqsmu mall-ħadid;- it-twaqqif ta' qafas legali għall-kooperazzjoni;

   - aspetti dwar il-kummerċ;

   - l-adozzjoni u l-implementazzjoni ta leġiżlazzjoni ambjentali;

   - taħriġ;

   - is-sigurtà fl-industrija tal-minjieri;

ARTIKOLU 48

Kooperazzjoni fix-xjenza u teknoloġija

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperzzjoni fir-riċerċa xjentifika ċivili u l-iżvilupp teknoloġiku (RTD) fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku, b'konsiderazzjoni tad-disponibilità ta' riżorsi, aċċess adegwat għall-programmi rispettivi tagħhom, suġġett għal livelli xierqa ta' ħarsien ta' drittijiet dwar propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali (IPR).

2. Il-kooperazjoni dwar ix-xjenza u t-teknoloġija għandha tkopri:

   - l-iskambju ta` informazzjoni xjentifika u teknika;

   - attivitajiet konġunti dwar l-RTD;

   - attivitajiet ta' taħriġ u programmi ta' mobilità ta' xjenzati, riċerkaturi u tekniċi taż-żewġ Partijiet li jieħdu sehem fl-RTD.

   Fejn tali kooperazzjoni tieħu l-forma ta' attività li tinvolvi l-edukazzjoni u/jew it-taħriġ, din trid issir skond id-dispożizzjonijiet ta` Artikolu 49.

   Il-Partijiet, fuq bażi ta' ftehim reċiproku, jistgħu jidħlu għal forom oħra ta` kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija.

Fl-implimentazzjoni ta' tali attivitajiet ta' kooperazzjoni, attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-għotja ta` xogħol ieħor lil xjenzati, inġiniera, riċekaturi u tekniċi li kienu jew għadhom involuti fir-riċerka, u/jew produzzjoni, ta' armamenti tal-qerda tal-massa.

3. Il-kooperazjoni koperta b'dan l-Artikolu għandha tiġi implimentata skond arranġamenti speċifiċi li jridu jiġu nnegozjati u konklużi skond il-proċeduri adottati minn kull Parti, li għandhom jinkludu dispożizzjonijiet xierqa dwar l-IPR.

ARTIKOLU 49

Edukazzjoni u taħriġ

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jgħollu l-livell ta` edukazzjoni ġenerali u kwalifiki professjonali fir-Repubblika tat-Taġikistan, kemm fis-settur pubbliku u dak privat.

2. Il-kooperazjoni għandha tikkonċentra b'mod partikolari fuq dawn l-oqsma li ġejjin:

- aġġornament tas-sistemi ta` taħriġ u edukazzjoni għolja fir-Repubblika tat-Taġikistan, inkluż is-sistema ta` ċertifikazzjoni ta' istituzzjonijiet ta` edukazzjoni għolja u diplomi ta' edukazzjoni għolja;

- taħriġ ta` persuni fi gradi eżekuttivi fis-settur pubbliku u privat u ta' ħaddiema taċ-ċivil f'oqsma ta' prijorità li għad iridu jiġu deċiżi;

- kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi u bejn istituzzjonijiet edukattivi u azjendi;

- mobilità ta' għalliema, gradwati, amministraturi, xjenzati u riċerkaturi żgħażagħ, u persuni żgħażagħ;

- promozzjoni tat-tagħlim fil-qasam ta' l-istudji Ewropej fi ħdan l-istituzzjonijiet xierqa;

- tagħlim ta' lingwi tal-Komunità;

- taħriġ f'livell ta' post-lawrea lill-interpreti tal-konferenzi;

- taħriġ lill-ġurnalisti;

- taħriġ lill-għalliema.

3. Il-parteċipazzjoni possibbli ta` Parti waħda fil-programmi tal-Parti l-oħra fil-qasam ta` l-edukazzjoni u t-taħrig tista' tiġi kkunsidrata skond il-proċeduri rispettivi tagħhom; fejn japplika, strutturi istituzzjonali u pjanijiet ta` kooperazzjoni ser jiġu

mbagħad stabbiliti permezz tal-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fil-programm tal-Komunità TEMPUS.

ARTIKOLU 50

Agrikoltura u s-settur agro-industrijali

L-iskop tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandu jkun it-tiftix ta' riforma agrarja u riforma ta' l-istrutturi agrikoli, il-modernizzazzjoni, il-privatizzazzjoni u r-ristrutturar ta' l-agrikoltura, t-trobbija ta' l-annimali u s-setturi ta' l-agro-industrija u tas-servizzi fir-Repubblika tat-Taġikistan, u l-iżvilupp ta' swieq domestiċi u barranin għall-prodotti Taġiki, f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' l-ambjent, wara li tittieħed in kunsiderazzjoni l-ħtieġa li titjieb is-sigurtà fil-provvista ta' l-ikel u li jiġi żviluppat in-negozju ta' l-agrikoltura u l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' prodotti agrikoli. Il-Partijiet għandhom ukoll ifittxu li jiksbu l-approssimazzjoni gradwali ta' l-istandards Taġiki mar-regolamenti tekniċi tal-Komunità dwar il-prodotti industrijali u dawk agrikoli ta' l-ikel, inkluż l-istandars sanitarji u fitosanitarji.

ARTIKOLU 51

Enerġija

1. Il-kooperazzjoni għandha tkun regolata mill-prinċipji ta' l-ekonomija tas-suq u l-Karta Ewropea ta' l-Enerġija, fl-isfond ta' l-integrazzjoni progressive tas-swieq ta' l-enerġija fl-Ewropa.

2. Il-kooperazzjoni għandha tkun iffukata, fost l-affarijiet l-oħra, fuq it-tfassil u l-iżvilupp ta' politika dwar l-enerġija. Din għandha tinkludi l-oqsma li ġejjin:

   - it-titjib ta' l-immaniġġjar u r-regolamentazzjoni tas-settur ta' l-enerġija skond l-ekonomija tas-suq;

   - it-titjib tal-forniment ta' l-enerġija, inkluż is-sigurtà tal-forniment, b'mod ekonomikament u ambjentalment għaqli.

   - il-promozzjoni tal-konsevazzjoni ta' l-enerġija u l-effiċċjenza ta' l-enerġija u l-implimentazzjoni tal-Protokoll tal-Karta ta' l-Enerġija dwar l-Effiċċjenza ta' l-Enerġija u aspetti ambjentali relatati;

   - l-immodernizzar ta' l-infrastruttura ta' l-enerġija;

   - it-titjib tal-forniment ta' l-enerġija u l-użu ta' teknoloġiji fil-firxa sħiħa ta' għamliet ta' enerġija;

   - l-immaniġġjar u t-taħriġ tekniku fis-settur ta' l-enerġija;

   - it-trasportazzjoni u t-transitu ta' materjali u prodotti ta' l-enerġija ;

- l-introduzzjoni tal-firxa ta' kundizzjonijiet istituzzjonali, legali, fiskali u oħrajn neċessarji sabiex jinkoraġġixxu iżjed kummerċ u investiment fl-enerġija;

- l-iżvilupp ta' riżorsi ta' enerġija idro-elettrika u oħrajn ta' enerġija li tista' tiġġedded;

3. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni relevanti ma' proġetti ta' investiment fis-settur ta' l-enerġija, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' riżorsi ta' l-enerġija u l-bini u t-tiswija ta' pajplajns taż-żejt u l-gass jew ta' mezzi oħra ta' trasportazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija. Il-Partijiet jagħtu importanza partikolari lill-kooperazzjoni li tirrigwarda l-investimenti fis-settur ta' l-enerġija u l-mod kif dawn huma rregolati. Huma għandhom jikkooperaw sabiex jimplimentaw id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV u ta' l-Artikolu 44 b'mod kemm jista' jkun effikaċi fir-rigward ta' investimenti fis-settur ta' l-enerġija.

ARTIKOLU 52

L-Ambjent u s-Saħħa

1. Filwaqt li jiftakru l-Karta Ewropea dwar l-Enerġija, id-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ta' Luzern ta' April 1993 u tal-Konferenza ta' Sofija ta' Ottubru 1995, u wara li kkunsidraw it-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija, u speċjalment l-Artiklu 19 tiegħu, u l-Protokoll tal-Karta ta' l-Enerġija dwar l-Effiċjenza ta' l-Enerġija u aspetti ambjentali relatati, il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu il-kooperazzjoni taħhom dwar l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

2. Il-kooperazzjoni għandha timmira lejn il-ħarsien ta' l-ambjent, il-ġlieda kontra kull għamla ta' tniġġiż u b'mod partikolari tkopri:

- is-sorveljanza effettiva tal-livelli ta' tniġiż u eżami ta' l-ambjent; sistema ta' informazzjoni dwar l-istat ta' l-ambjent;

- il-ġlieda kontra t-tniġġiż lokali, reġjonali u minn naħa għal oħra tal-fruntieri ta' l-arja u l-ilma;

- ir-rijabilitazzjoni ambjentali;

- il-produzzjoni u l-użu ta' enerġija sostenibbli, effiċjenti u amjentalment għaqli;

- is-sigurtà ta' l-impjanti industrijali;

- il-klassifikazzjoni u s-sigurtà tal-ġarr tal-kimiċi;

- il-kwalità ta' l-ilma

- it-tnaqqis ta’ l-iskart, ir-riċiklaġġ u s-sigurtà tar-rimi, l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta’ Basel meta din tiġi ffirmata;

- l-impatt ta’ l-ambjent fuq l-agrikoltura; it-tkaxkir tal-ħamrija; it-tniġġiż bil-kimiċi;

- il-protezzjoni tal-foresti;

- il-konservazzjoni tal-bijodiversità, żoni protetti u użu u mmaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ;

- l-ippjanar ta’ l-użu ta' l-art, inkluż il-bini u l-ippjanar urban;

- l-użu ta' strumenti ekonomiċi u fiskali;

- il-bidla fil-klima globali;

- l-edukazzjoni u l-kuxjenza ambjentali;

- l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta’ Espoo dwar l-Eżami ta’ l-Impatt Ambjentali f’kuntest transkonfinanti meta din tiġi ffirmata.

3. Il-forom ta’ kooperazzjoni għandhom jinkludu:

- l-ippjanar għad-diżastri u sitwazzjonijiet oħra ta' emerġenza;

- l-iskambu ta’ informazzjoni u esperti, inkluż informazzjoni u esperti li relatati mat-trasferiment tat-teknoloġiji nodfa u l-użu sigur u ambjentalment għaqli tal-bijoteknoloġiji;

- attivitajiet ta’ riċerka bi sħab;

- l-approssimazzjoni tal-liġijiet lejn l-istandards tal-Komunità;

- il-kooperazzjoni fuq livell reġjonali, inkluża l-kooperazzjoni fi ħdan il-qafas ta’ l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u fuq livell internazzjonali;

- l-iżvilupp ta' strateġiji, partikolarment rigward kwistjonijiet globali u klimatiċi u sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli;

- studji dwar l-impatti ambjentali.

4. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jiżviluppaw il-kooperazzjoni tagħhom fuq kwistjonijiet tal-ħajja tal-bniedem, partikolarment permezz ta' assistenza teknika dwar il-revenzjoni u l-ġlieda kontra l-mard infettiv u l-protezzjoni ta' l-ommijiet u t-tfal żgħar.

ARTIKOLU 53

Trasport

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tat-trasport.

Din il-kooperazzjoni għandha, fost l-affarijiet l-oħra, tkun immirata lejn ir-ristrutturar u l-modernizzazzjoni tas-sistemi u n-netwerks tat-trasport fir-Repubblika tat-Taġikistan; filwaqt li tiżviluppa u tiżgura, fejn xieraq, il-kompatibilità tas-sistemi ta' trasportazzjoni fil-kuntest li tinkiseb sistema ta' trasport aktar glabali; u filwaqt li tidentifika u telabora proġetti ta' prijorità u tfittex li tattira investiment għall-implimentazzjoni tagħhom.

Il-kooperazzjoni għandha tinkludi:

- il-modernizzazzjoni ta' l-immaniġġjar u l-operat tat-trasport fit-toroq, il-ferroviji u l-ajruporti ;

- il-modernizzazzjoni u l-izvilupp tal-ferroviji, il-kanali, it-toroq, l-ajruporti u l-infrastruttura għan-navigazzjoni bl-ajru u l-għajnuna għan-navigazzjoni, inkluż il-modernizzazzjoni tar-rotot ewlenin ta' interess komuni u l-kollegamenti trans-Ewropej għall-mezzi msemmija hawn fuq, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-proġett TRACECA;

- il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' trasport b'aktar minn mezz wieħed;

- il-promozzjoni ta' programmi ta' riċerka u żvilupp bi sħab;

- il-preparazzjoni tal-qafas leġislattiv u istituzzjonali għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-politika, inkluż il-privatizzazzjoni tas-settur tat-trasport;

- is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-forom kollha ta' trasport fir-reġjun.

ARTIKOLU 54

Il-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi postali

Skond il-poteri u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet għandhom jespandu u jsaħħu il-kooperazzjoni mmirata lejn:

- it-tnedija ta' politiki u linji ta' gwida għall-iżvilupp tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi postali;

- l-iżvilupp ta' politika dwar it-tariffi u prinċipji ta' kummerċjalizzazzjoni għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi postali;

- it-trasferiment ta' teknoloġija u għarfien tas-sengħa, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' standards tekniċi Ewropej u sistemi ta' ċertifikazzjoni;

- l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' proġetti għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi postali u l-attirazzjoni ta' investiment;

- it-titjib fl-effiċjenza u l-kwalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi postali, fost affarijiet oħra permezz tal-liberalizzazzjoni ta' attivitajiet f'setturi li jaqgħu taħthom;

- il-promozzjoni ta' applikazzjonijiet avvanzati għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, speċjalment fil-qasam tat-trasferiment ta' fondi b'mod elettroniku;

- it-titjib fl-immaniġġjar, u l-aħjar sfruttament, tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;

- l-iżvilupp ta' bażi regulatorja xierqa għall-forniment ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi postali u għall-użu ta' l-ispettru ta' frekwenzi tar-radju;

- it-titjib tat-taħriġ fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi postali għat-tħaddim f'kundizzjonijiet ta' suq.

ARTIKOLU 55

Servizzi finanzjarji u istituzzjonijiet fiskali

1. Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għandha timmira b'mod partikolari lejn l-iffaċilitar ta' l-involviment tar-Repubblika tat-Taġikistan f'sistemi ta' *clearing* rikonoxxuti universalment. L-assistenza teknika għandha tikkonċentra fuq:

   - l-iżvilupp ta' suq ta' l-ishma u suq tat-titoli;

   - l-iżvilupp ta' servizzi bankarji, l-iżvilupp ta' suq komuni għar-riżorsi ta' kreditu u l-involviment tar-Repubblika tat-Taġikistan f'sistema ta' *clearing* rikonoxxuta universalment;

   - l-iżvilupp ta' sevizzi ta' assikurazzjoni, li joħolqu fost affarijiet oħra qafas vantaġġuż għall-parteċipazzjoni ta' kumpaniji tal-Komunità fit-tnedija ta' negozji bi sħab fis-settur ta' l-assikurazzjoni fir-Repubblika tat-Taġikistan, u l-iżvilupp ta' assikurazzjoni għall-kreditu ta' l-esportazzjoni.

   Din il-kooperazzjoni għandha b'mod partikolari tikkontribwixxi ħalli jitrawmu relazzjonijiet bejn il-Partijiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-iżvilupp tas-sistema fiskali u l-istituzzjonijiet fiskali fir-Repubblika tat-Taġikistan. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-

iskambju ta’ informazzjoni u esperjenza dwar materji fiskali u t-taħriġ tal-persunal involut fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika fiskali.

ARTIKOLU 56

Ir-ristrutturar u l-privatizzazzjoni ta' l-intrapriża

Waqt li jirrikonoxxu li l-privatizzazzjoni għandha importanza fundamentali fl-irkupru ta' ekonomija sostenibbli, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fl-iżvilupp tal-qafas istituzzjonali, legali u metodoloġiku neċessarju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lin-natura ordnata u trasparenti tal-proċess ta' privatizzazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza, u t-taħriġ xieraq fil-politika ta; l-investiment.

L-assistenza teknika għandha tikkonċentra fuq, fost affarijiet oħra:

- aktar żvilupp ta' bażi istituzzjonali fi ħdan il-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan li tassisti fid-definizzjoni u l-immaniġġjar tal-proċess ta' privatizzazzjoni;

- aktar żvilupp ta' l-istrateġija ta’ privatizzazzjoni tal-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan, inkluż il-qafas leġislattiv, u l-mekkaniżmi ta’ implimentazzjoni;

- it-tmexxija ’l quddiem ta’ metodi tas-suq fl-użu u l-użufrutt ta’ l-art;

- ir-ristrutturar ta’ dawk l-intrapriżi li għadhom mhumiex preparati għall-privatizzazzjoni;

- l-iżvilupp ta’ l-intrapriża privata, u b’mod partikolari l-intrapriżi żgħar jew ta’ daqs medju;

- l-iżvilupp ta’ fondi ta’ investiment.

L-għan ta' din il-kooperazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' investiment tal-Komunità fir-Repubblika tat-Taġikistan.

ARTIKOLU 57

L-iżvilupp Reġjonali

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp reġjonali u l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art.

2. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar il-politika reġjonali u ta' l-ippjanar fl-użu ta' l-art u dwar metodi ta' tfassil ta' politiki reġjonali b'enfasi speċjali fuq l-iżvilupp ta' żoni żvantaġġati.

Huma għandhom jinkoraġġixxu wkoll kuntatti diretti bejn ir-reġjuni u organizzazzjonijiet pubbliċi rispettivi responsabbli għall-ippjanar ta' l-iżvilupp reġjonali bil-għan li, fost affarijiet oħra, jiskambjaw informazzjoni rigward modi ta' trawwim ta' l-iżvilupp reġjonali.

ARTIKOLU 58

Il-kooperazzjoni soċjali

1. Fir-rigward tas-saħħa u s–sigurtà, il-Partijiet għandhom jiżviluppaw kooperazzjoni bejniethom bil-għan li jtejbu fost affarijiet oħra il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

   Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi:

   - Edukazzjoni u taħriġ dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà b'attenzjoni speċifika għal oqsma ta'attivitajiet b'riskju għoli;

   - żvilupp u promozzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra mard relatat max-xogħol u problemi mediċi oħra marbuta max-xogħol;

   - prevenzjoni ta' perikli ta' inċidenti serji u l-immaniġġjar ta' kimiċi tossiċi;

   - riċerka dwar l-iżvilupp ta' informazzjoni u fehim ta' l-ambjent tax-xogħol u dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

2. Fir-rigward ta' l-impjegar, il-kooperazzjoni għandha tinkludi b'mod speċjali l-assistenza teknika għal:

   - l-aħjar sfruttament tas-suq tax-xogħol;

   - il-modernizzazzjoni tas-servizzi tat-tfittxija tax-xogħol u pariri dwar il-karrieri;

   - l-ippjanar u mmaniġġjar ta' programmi ta' ristrutturar;

   - l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' l-impjegar lokali;

   - l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' impjegar flessibbli, inklużi dawk li jħeġġu li wieħed jaħdem għal rasu u li jippromwovu l-intraprenditorija.

3. Il-Partijiet għandhom jagħtu importanza speċjali lill-kooperazzjoni fl-isfera tal-protezzjoni soċjali, inkluża l-kooperazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tar-riformi tal-protezzjoni soċjali fir-Repubblika tat-Taġikistan.

   Dawn ir-riformi għandhom jimmiraw lejn l-iżvilupp fir-Repubblika tat-Taġikistan ta' metodi ta' protezzjoni intrinsiċi għall-ekonomiji tas-suq u għandhom jinkludu l-forom relevanti kollha ta' protezzjoni soċjali.

ARTIKOLU 59

It-turiżmu

Il-Partijiet għandhom iżidu u jiżviluppaw il-kooperazzjoni tagħhom sabiex, fost affarijiet oħra:

- jiffaċilataw il-kummerċ turistiku;
- iżidu l-fluss ta' informazzjoni;
- jittrasferixxu l-għarfien tas-sengħa;
- jistħarrġu l-opportunitajiet għal negozju bi sħab;
- ikun hemm kooperazzjoni bejn entitajiet uffiċjali tat-turiżmu, inkluż it-tħejjija ta' materjal promozzjonali;
- isir taħriġ għall-iżvilupp turistiku.

ARTIKOLU 60

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

1. Il-partijiet għandhom jimmiraw lejn l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u l-kooperazzjoni bejn l-SMEs fil-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan.

2. Il-kooperazzjoni għandha tinkludi assistenza teknika, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

   - l-iżvilupp ta' qafas leġislattiv għall-SMEs;
   - l-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa li ssosstni l-SMEs, tippromwovi l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni kummerċjali bejn l-SMEs kemm fi ħdan ir-Repubblika tat-Taġikistan u lil hinn minnha, u tħarreġ l-SMEs fis-snajja' neċessarji biex ikollhom aċċess għal fondi;
   - it-taħriġ fl-oqsma tal-*marketing*, il-kontabilità u l-kontrol tal-kwalità tal-prodotti.

ARTIKOLU 61

L-informazzjoni u l-kommunikazzjoni

Il-Partijiet għandhom isostnu l-iżvilupp ta’ metodi moderni ta’ mmaniġjar ta’ l-informazzjoni, inkluża l-medja, u jħeġġu skambju ta’ informazzjoni reċiproku effettiv. Għandha tingħata prijorità lil programmi mmirati lejn il-proviżjon lill-pubbliku ġenerali ta' informazzjoni bażika dwar il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan, inkluż, fejn possibbli, l-aċċess għal databases, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali.

ARTIKOLU 62

Protezzjoni tal-konsumatur

Il-Partijiet għandhom jidħlu għal kooperazzjoni mmirata lejn il-kisba ta’ kompatibilità bejn is-sistemi tagħhom ta' protezzjoni tal-konsumatur. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar ħidma leġislattiva u riforma istituzzjonali, it-tnedija ta’ sistemi permanenti ta’ informazzjoni reċiproka dwar prodotti perikoluż, it-titjib ta’ l-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi, speċjalment dwar il-prezzijiet, il-karatteristiċi ta’ prodotti u servizzi offruti, l-iżvilupp ta’ skambji bejn rappreżentanti ta’ l-interessi tal-konsumatur, u ż-żieda tal-kompatibilità tal-politiki dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-organizzazzjoni ta’ seminars u perjodi ta' taħriġ.

ARTIKOLU 63

Dwana

1. L-għan tal-kooperazzjoni għandu jkun sabiex tkun garantita l-osservanza tad-disposizzjonijiet kollha programmati għall-adozzjoni b’konnessjoni mal-kummerċ u l-kummerċ ġust u sabiex tinkiseb l-approssimazzjoni tas-sistema tad-dwana tar-Repubblika tat-Taġikistan u dik tal-Komunità.

2. Il-kooperazzjoni għandha sseħħ b’mod partikolari permezz ta’:

   - l-iskambju ta’ informazzjoni;
   - it-titjib tal-metodi tax-xogħol;
   - l-introduzzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u d-dokument amministrattiv uniku;
   - is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u l-formalitajiet rigward il-ġarr ta' oġġetti;
   - l-appoġġ għall-introduzzjoni ta' sistemi moderni ta’ informazzjoni tad-dwana;

- l-organizzazzjoni ta’ seminars u perjodi ta’ taħriġ.

Assistenza teknika għandha tingħata fejn tinħtieġ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni oħra taħt dan il-Ftehim, u b’mod partikolari Titolu VIII, l-assistenza reċiproka fil-materji tad-dwana bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Partijiet għandha sseħħ skond id-disposizzjonijiet tal-Protokoll mehmuż ma’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 64

Kooperazzjoni fl-istatistika

Il-kooperazzjoni f’dan il-qasam għandha tfittex li tiżviluppa sistema ta’ l-istatistika effiċjenti li tipprovdi statistika ta’ min joqgħod fuqha li hija meħtieġa sabiex ikun sostnut u sorveljat il-proċess ta’ riforma soċjoekonomika u li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta’ l-intrapriża privata fir-Repubblika tat-Taġikistan.

Il-Partijiet għandhom, b’mod partikolari, jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

- l-adattament tas-sistema ta’ l-istatistika Taġika għall-metodi, standards u klassifikazzjoni internazzjonali; - l-iskambju ta’ informazzjoni statistika;
- il-proviżjon ta' l-istatistika makro- u mikro-ekonomika li tinħtieġ sabiex ikunu implimentati u amministrati r-riformi ekonomiċi.

Il-Komunità għandha tipprovdi lir-Repubblika tat-Taġikistan b'assistenza teknika għal dan il-għan.

ARTIKOLU 65

Xjenza ekonomika

Il-Partijijet għandhom jiffaċilitaw il-proċess ta’ riforma soċjoekonomika u l-koordinament tal-politiki ekonomiċi billi jikkooperaw sabiex itejbu l-fehim tal-prinċipji fundamentali ta' l-ekonomiji rispettivi tagħhom u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika f'ekonomiji tas-suq. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ir-rendiment u l-prospettivi makroekonomiċi.

Il-Komunità għandha tipprovdi assistenza teknika sabiex :

- tassisti lir-Repubblika tat-Taġikistan fil-proċess ta’ riforma ekonomika billi tipprovdi pariri ta’ esperti u assistenza teknika,

- tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fost l-ekonomisti sabiex tħaffef it-trasferiment ta' l-għarfien tas-sengħa għat-tfassil tal-politiki ekonomiċi, u tipprovdi għal tixrid qawwi ta' riċerka relevanti għall-politika;

- ittejjeb il-kapaċità tar-Repubblika tat-Taġikistan li tfassal mudelli ekonomiċi.

TITOLU VII

KOOPERAZZJONI F'OQSMA MARBUTA MAD-DEMOKRAZIJA U DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

ARTIKOLU 66

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar il-kwistjonijiet kollha relevanti mat-twaqqif jew ir-rinfurzar ta' istituzzjonijiet demokratiċi, inkluži dawk li huma meħtieġa sabiex jissaħħu l-istat ta' dritt, u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali skond id-dritt internazzjonali u l-prinċipji ta' l-OSCE.

Din il-kooperazzjoni għandha tieħu l-għamla ta' programmi ta' assistenza teknika intenzjonati sabiex jassistu, fost affarijiet oħra, fit-tfassil ta' leġislazzjoni u regolamenti relevanti; l-implimentazzjoni ta' tali leġislazzjoni; it-tħaddim sew tal-ġudikatura; ir-rwol ta' l-Istat f'kwistjonijiet ta' ġustizzja; u l-operat tas-sistema elettorali. Huma għandhom jipprovdu t-taħriġ fejn xieraq. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-kuntatti u l-iskambji bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u ġudiċi, id-deputati parlamentari, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tagħhom.

TITOLU VIII

KOOPERAZZJONI DWAR IL-PREVENZJONI TA' ATTIVITAJIET ILLEGALI U L-PREVENZJONI U L-KONTROLL TA' L-IMMIGRAZZJONI ILLEGALI

ARTIKOLU 67

Il-Partijiet għandhom iniedu kooperazzjoni mmirata lejn il-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali bħal:

- attivitajiet illegali fl-isfera ta' l-ekonomija, inkluża l-korruzzjoni;

- transazzjonijiet illegali f'oġġetti varji, inkluż l-iskart industrijali, u t-traffiku illiċitu ta' l-armamenti;

- l-iffalsifikar.

Il-kooperazzjoni fl-oqsma hawn fuq imsemmija għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjoni reċiproka u interazzjoni mill-qrib. Assistenza teknika u amministrattiva għandha tiġi pprovduta, f'oqsma bħal:

- tfassil ta' leġislazzjoni nazzjonali fl-isfera tal-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali;
- ħolqien ta ċentri ta' informazzjoni;
- żieda fl-effiċjenza ta' l-istituzzjonijiet involuti fil-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali;
- taħriġ tal-persunal u żvilupp ta' l-infrastruttura tar-riċerka;
- elaborazzjoni ta' miżuri aċċettabbli reċiprokament kontra attivitajiet illegali.

ARTIKOLU 68

Il-ħasil tal-flus

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jagħmlu sforzi u jikkooperaw sabiex ma jħallux li s-sistemi finanzjarji tagħhom jintużaw għal ħasil ta' flus ġejjin minn attivitajiet kriminali ġenerali u reati marbuta mad-drogi b'mod partikolari.

2. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tinkludi assistenza amministrattiva u teknika sabiex jiġu stabbiliti standards kontra l-ħasil tal-flus ekwivalenti għal dawk adottati mill-Komunità u fora internazzjonali f'dan il-qasam, inkluża t-*Task Force* għal Azzjoni Finanzjarja (FATF).

ARTIKOLU 69

Ġlieda kontra d-droga

Fi ħdan il-qafas tal-poteri u kompetenzi rispettivi tagħhom il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex iżidu l-effettività u l-effiċjenza tal-politiki u miżuri kontra l-produzzjoni illiċita, il-forniment u t-traffikar ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, inkluż il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' kimiċi prekursuri, u sabiex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-domanda għad-drogi. Fir-rigward tal-kontroll ta' kimiċi prekursuri u sustanzi essenzjali oħra li jintużaw għall-produzzjoni illiċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, din il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-istandards adottati mill-Komunità u l-awtoritajiet internazzjonali konċernati, bħal dawk tat-Task Force għal Azzjoni Kimika (CATF). Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjoni reċiproka u koordinament mill-qrib bejn il-Partijiet dwar l-oġġettivi u l-miżuri li jridu jittieħdu fid-diversi oqsma marbuta mad-drogi.

ARTIKOLU 70

Kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni

1. Il-Partijiet jerġgħu jisħqu l-importanza, li huma jorbtu ma' l-immaniġġjar konġunt tal-fluss ta' migrazzjoni bejn it-territorji tagħhom. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejniethom, huma għandhom jibdew djalogu komprensiv dwar il-materji kollha marbuta mal-migrazzjoni, inklużi l-migrazzjoni illegali, il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll l-inklużjoni ta' dak li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni fl-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni li minnhom joriġinaw il-migranti.

2. Il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq eżami tal-ħtiġijiet speċifiċi mmexxi f'konsultazzjoni reċiproka bejn il-Partijiet u tiġi implimentata b'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli relevanti tal-Komunità u dik nazzjonali. Hi se tikkonċentra, b'mod partikolari, fuq:

(a) il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni;

(b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-prattiki fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġu ssodisfati d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati u tal-Protokoll ta' l-1967 u strumenti internazzjonali relevanti oħra, u sabiex jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju li immigrant ma jintbagħatx lura qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-istatus tiegħu.

(c) ir-regoli u d-drittijiet tad-dħul u l-istatus ta' persuni li jitħallew jidħlu, it-trattament u l-integrazzjoni ġusti ta' residenti barranin li jgħixu skond il-liġi, l-edukazzjoni u t-taħriġ u miżuri kontra r-razziżmu u ż-żenofobja;

(d) it-tnedija ta' politika effettiva u preventiva kontra l-immigrazzjoni illegali, il-kuntrabandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin inkluża l-kwistjoni ta' kif jiġu miġġielda n-netwerks ta' kuntrabandisti u traffikanti u kif jiġu protetti l-vittmi ta' dan it-tip ta' traffikar;

(e) ir-ritorn, f'kundizzjonijiet umani u dinjitużi, ta' persuni li jgħixu illegalment inkluż il-promozzjoni tar-ritorn volontarju tagħhom, u l-aċċettazzjoni mill-ġdid ta' tali persuni, skond il-paragrafu 3;

(f) il-qasam tal-viżi, dwar materji identifikati bħala ta' interess reċiproku;

(g) il-qasam tal-kontroll tal-fruntieri, dwar materji marbuta ma' l-organizzazzjoni, it-taħriġ, l-aħjar prattiki u miżuri oħra prattiċi ta' l-operat u fejn huwa applikabbli, l-apparat, filwaqt li wieħed ikun konxju ta' l-użu potenzjalment dupliċi ta' tali apparat.

3. Fil-qafas tal-kooperazzjoni biex ma titħalliex jew tiġi kkontrollata l-immigrazzjoni illegali, il-Partijiet jaqblu wkoll li jaċċettaw lura l-immigranti illegali tagħhom. Għal dan il-għan:

- ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha taċċetta lura kull ċittadin tagħha li jinsab jew tinsab illegalment fit-territorju ta' xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar u mingħajr aktar formalitajiet;

- u kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea għandu jaċċetta lura kull ċittadin tiegħu li jinsab jew tinsab illegalment fit-territorju tar-Repubblika tat-Taġikistan, fuq talba ta' din ta' l-aħħar u mingħajr aktar formalitajiet.

L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Taġikistan se jfornu liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti ta' identità xierqa għal dawn l-għanijiet.

Il-Partijiet jaqblu li jikkonkludu, fuq talba u kemm jista' jkun malajr, ftehim li jirregola l-obligazzjonijiet speċifiċi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tat-Taġikistan dwar l-aċċettazzjoni mill-ġdid, inkluż l-obbligazzjoni għall-aċċettazzjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi oħra u persuni mingħajr stat.

Għal dan il-għan, it-terminu "Partijiet" għandu jfisser il-Komunità Ewropea, kull Stat Membru tagħha u r-Repubblika tat-Taġikistan.

ARTIKOLU 71

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

Il-partijiet jerġgħu jisħqu l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u, skond ftehim internazzjonali u l-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, jaqblu li jikkooperaw fil-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' atti terroristiċi. B'mod partikolari huma se jikkooperaw:

- fil-qafas ta' l-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1373 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u reżoluzzjonijiet oħra tan-NU, ftehim u strumenti internazzjonali oħra relatati ma' din il-materja;

- permezz ta' skambji ta' informazzjoni, skond il-liġijiet internazzjonali u nazzjonali dwar gruppi terroristiċi u netwerks li jappoġġawhom;

- u permezz ta' skambju ta' opinjonijiet fuq il-mezzi u l-metodu wżati kontra t-terroriżmu, inkluż l-oqsma tekniċi u ta' taħriġ, u permezz ta' skambju ta' esperjenza dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu.

TITOLU IX

KOOPERAZZJONI KULTURALI

ARTIKOLU 72

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom sabiex jippromwovu, jinkoraġġixxu u jiffaċiltaw il-kooperazzjoni kulturali. Fejn ikun xieraq, il-programmi ta' kooperazzjoni kulturali tal-Komunità jew dawk ta' wieħed jew aktar Stati Membri jista' jkun is-suġġett ta' kooperazzjoni u jistgħu jiġu żviluppati attivitajiet ulterjuri ta' interess reċiproku.

TITOLU X

KOOPERAZZJONI FINANZJARJA

ARTIKOLU 73

Sabiex jinkisbu l-miri ta' dan il-Ftehim u skond l-Artikoli 74, 75 u 76, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tkun eliġibbli għal assistenzxa finanzjarja temporanja mill-Komunità permezz ta' għotjiet ta' għajnuna teknika.

ARTIKOLU 74

L-għajnuna finanzjarja għandha tkun koperta mill-programm Tacis u r-Regolament tal-relevanti tal-Kunsill tal-Komunità. Ir-Repubblika ta-Taġikistan tista' tibbenefika wkoll minn tipi oħrajn ta' għajuna tal-Komunità skond il-ħtiġijiet tagħha. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-konċentrazzjoni ta' l-għajnuna, il-koordinazzjoni ta' l-istrumenti ta' għajnuna u lir-rabta bejn id-diversi tipi ta' għajnuna umanitarja, ta' riabilitazzjoni u ta' żvilupp tal-Komunità. Il-ġlieda kontra l-faqar għandha tiġi inkorporata fil-programmi tal-Komunità.

ARTIKOLU 75

Il-miri u l-oqsma ta' l-assistenza finanzjarja tal-Komunità għandhom jiġu stipulati fi programm indikattiv li jirrefletti l-prijoritajiet bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan, wara li jieħu in konsiderazzjoni l-ħtiġijiet tar-Repubblika tat-Taġikistan, il-kapaċitajiet ta' assorbiment settorali u l-progress fir-riforma. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni.

ARTIKOLU 76

Sabiex ikun hemm użu ottimali tar-riżorsi disponibbli, il-Partijiet għandhom jiżguraw illi l-assistenza tal-Komunità tkun ikkoordinata mill-qrib mal-kontribuzzjonijiet minn sorsi oħrajn bħall-Istati Membri, pajjiżi oħrajn u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bank Dinji għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

TITOLU XI

DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 77

Qieħed preżentement jiġi stabbilit Kunsill ta’ Kooperazzjoni sabiex jissorvelja l-implementazzjoni ta’ dan il-Ftehim. Dan għandu jiltaqa’ regolarment fuq il-livell ministerjali. Għandu jiltaqa’ kull perijodu ta' żmien li jistabbilixxi hu stess u għandu jiltaqa’ mill-anqas darba kull sentejn. Għandu jeżamina kwalunkwe materja ewlenija fil-kuntest tal-qafas ta' dan il-Ftehim u kull materja bilaterali jew internazzjonali li tkun ta' interess reċiproku għall-iskopijiet tal-kisba tal-miri ta' dan il-Ftehim. Bil-ftehim tal-Partijiet, il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni jista’ wkoll jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa.

ARTIKOLU 78

1. Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni jrid ikun magħmul mill-membri tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-Kummissjoni tal-Komunitàjiet Ewropej, fuq naħa waħda, u mill-membri tal-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikista fuq in-naħa l-oħra.

2. Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni għandu jistabblixxi r-regoli ta’ proċedura tiegħu stess.

3. Il-kariga ta’ President tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni għandha tinżamm b’mod alternat minn rappreżentant tal-Komunità u minn membru tal-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan.

ARTIKOLU 79

1. Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni għandu jkun mgħejjun fil-qadi ta’ dmirijietu minn Kumitat ta' Kooperazzjoni magħmul mir-rappreżentanti tal-membri tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea u mill-membri tal-Kummissjoni tal-Komunitàjiet Ewropej fuq in-naħa l-waħda u mir-rappreżentanti tal-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikista fuq in-naħa l-oħra, normalment fil-livell ta’ impjegati ta' grad għoli fiċ-ċivil. Il-kariga ta’ President tal-Kumitat ta’ Kooperazzjoni għandha tinżamm b’mod alternat mill-Komunità u mir-Repubblika tat-Taġikistan.

   Fir-regoli ta’ proċedura tiegħu il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni għandu jistipula d-dmirijiet tal-Kumitat ta’ Kooperazzjoni, li jridu jinkludu l-preparazzjoni tal-laqgħat tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni, u kif għandu jaħdem il-Kumitat.

2. Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni jista’ jiddelega il-poteri tiegħu lill-Kumitat ta’ Kooperazzjoni, li jiżgura l-kontinwità bejn il-laqgħat tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni.

ARTIKOLU 80

Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni jista’ jiddeċiedi li jistabbilixxi xi kumitat speċjali ieħor jew korp li jista’ jgħinu fil-qadi ta’ dmirijietu u għandu jiddetermina l-komposizzjoni u d-dmirijiet ta’ tali kumitati jew korpi u kif għandhom jaħdmu.

ARTIKOLU 81

Meta jeżamina kwalunkwe suġġett fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' disposizzjoni li tirreferi għal Artikolu ta' wieħed mill-Ftehim li jwaqqfu d-WTO, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jieħu in kunsiderazzjoni sakemm ikun possibbli l-interpretazzjoni li ġeneralment tingħata lill-Artikolu in kwistjoni mill-Membri tad-WTO.

ARTIKOLU 82

Qiegħed preżentement jiġi stabbilit Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari. Dan għandu jkun il-post fejn il-Membri tal-Parlament Taġik u tal-Parlament Ewropew jiltaqgħu sabiex jiskambjaw l-opinjonijiet, inklużi dawk dwar materji li jikkonċernaw id-djalogu politiku fil-livell parlamentari. Għandu jiltaqa’ kull perijodu ta' żmien li jistabbilixxi hu stess.

ARTIKOLU 83

1. Il-Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari għandu jkun magħmul mill-membri tal-Parlament Ewropew, fuq in-naħa l-waħda, u mill-membri tal-Parlament Taġik fuq in-naħa l-oħra.

2. Il-Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari għandu jistabblixxi r-regoli ta’ proċedura tiegħu stess.

3. Il-presidenza tal-Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari għandha tgħaddi b’mod alternat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlament Taġik rispettivament, skond id-disposizzjonijiet li jridu jiġu stipulati fir-regoli ta’ proċeduri tiegħu.

ARTIKOLU 84

Il-Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari jista’ jitlob l-informazzjoni relevanti dwar l-implementazzjoni ta’ dan il-Ftehim mill-Kunsill ta’ Kooperazzjoni, li jrid imbagħad jgħaddi lill-Kumitat l-informazzjoni mitluba.

Il-Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari jrid jiġi infurmat bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni.

Il-Kumitat ta’ Kooperazzjoni Parlamentari jista’ jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta’ Kooperazzjoni.

ARTIKOLU 85

1. Fl-ambitu ta’ dan il-Ftehim, kull Parti timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni naturali u legali tal-Parti l-oħra jkollha aċċess liberu minn kull forma ta’ diskriminazzjoni fir-rigward taċ-ċittadini tagħha stess lejn il-qrati kompetenti u l-organi amministrattivi tal-Partijiet sabiex jiddefendu d-drittijiet individwali u ta’ propjetà, inklużi dawk li jikkonċernaw il-propjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali.

2. Fil-limiti tal-poteri u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet:

- għandhom jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta’ l-arbitraġġ għas-soluzzjoni ta’ tilwim li joħroġ mit-transazzjonijiet kummerċjali u ta’ kooperazzjoni konklużi mill-operaturi ekonomiċi tal-Komunità u dawk tar-Repubblika tat-Taġikistan;

- jaqblu li fejn tilwima tiġi sottomessa għall-arbitraġġ, kull parti għat-tilwima tista’, ħlief fejn ir-regoli taċ-ċentru ta' l-arbitraġġ jistipulaw mod ieħor, jagħżlu l-arbitru tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità tiegħu, u li t-tielet arbitru li jippresjedi jew l-arbitru uniku jistà jkun ċittadinta’ pajjiż terz;

- għandhom jirrakkomandaw l-operaturi ekonomiċi tagħhom sabiex jagħżlu b’kunsens reċiproku il-liġi applikabbli għall-kuntratti tagħhom;

- għandhom jinkoraġġixxu l-użu tar-regoli ta’ l-arbitraġġ elaborati mill-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Kummerċjali Internazzjonali (UNCITRAL) u ta’ l-arbitraġġ minn kwalunkwe ċentru ta’ Stat firmatarju tal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet Arbitrali magħmula fi New York, fl-10 ta’ Ġunju 1958.

ARTIKOLU 86

Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni xi Parti, fil-limiti tal-poteri u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, milli jieħdu xi miżuri:

(a) li tikkunsidra meħtieġa sabiex twaqqaf il-kxif ta’ informazzjoni kontra l-interessi vitali ta’ sigurtà tagħha;

(b) marbuta mal-produzzjoni ta’, jew kummerċ fl-armi, munizzjonijiet jew materjali tal-gwerra jew ta’ riċerka, żvilupp jew produzzjoni indispensabbli għal skopijiet ta’ difiża, dejjem jekk tali miżuri ma tellfux il-kundizzjonijiet ta’ kompetizzjoni fir-rigward ta’ prodotti li mhumiex intiżi speċifikament għal skopijiet militari;

(ċ) li tikkunsidra essenzjali għas-sigurtà propja fl-eventwalità ta' problemi interni serji li jaffettwaw iż-żamma tal-liġi u l-ordni pubbliku, fi żmien il-gwerra jew tensjoni internazzjonali serja li hija theddida ta’ gwerra jew sabiex tissodisfa l-obbligi li tkun aċettat għall-iskopijiet taż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

(d) li tqis meħtieġa sabiex tirrispetta l-obbligi u l-impenji internazzjonali fir-rigward ta' l-użu doppju ta' l-oġġetti industrijali u tat-teknoloġija.

ARTIKOLU 87

1. Fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe disposizzjonijiet speċjali li jinsabu fih:

- l-arranġamenti applikati mir-Repubblika tat-Taġikistan fir-rigward tal-Komunità m'għandhomx iwasslu għal kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri, iċ-ċittadini tagħhom jew il-kumpaniji u negozji tagħhom;

- l-arranġamenti applikati mill-Komunità fir-rigward tar-Repubblika tat-Taġikistan m'għandhomx iwasslu għal kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini, kumpaniji jew negozji Taġiki.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Partijiet li japplikaw id-disposizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom għall-persuni li jħallsu it-taxxa li ma jkunux f'pożizzjoni identika fir-rigward tal-post ta' residenza tagħhom.

ARTIKOLU 88

1. Kull waħda mill-Partijiet tista' tirreferi lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni kwalunkwe tilwima marbuta ma' l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jsolvi tilwima permezz ta' rakkomandazzjoni.

3. Jekk ma jkunx possibbli li l-partijiet jirranġaw skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kull waħda mill-Partijiet tista' tinnotifika l-ħatra ta' konċiljatur lill-parti l-oħra, u l-Parti l-oħra trid imbagħad taħtar it-tieni konċiljatur fi żmien xahrejn. Biex tapplika din il-proċedura, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jiġu meqjusa bħala Parti waħda fit-tilwima.

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jaħtar it-tielet konċiljatur.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-konċiljaturi għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu jorbtu fuq il-Partijiet.

ARTIKOLU 89

Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw ma' xulxin mill-ewwel, permezz tal-metodi xierqa u fuq talba ta' kwalunkwe Parti, fuq kull materja li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-aspetti relevanti l-oħra tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhom bl-ebda mod jaffettwaw, u huma mingħajr preġudizzju għal, l-Artikoli 12, 88 u 94.

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jistabbilixxi regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim.

ARTIKOLU 90

It-trattament mogħti lir-Repubblika tat-Taġikistan taħt dan il-Ftehim m'għandu fl-ebda każ ikun aktar favorevoli minn dak mogħti mill-Istati Membri lil xulxin.

ARTIKOLU 91

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "Partijiet" ifisser ir-Repubblika tat-Taġikistan, fuq in-naħa l-waħda, u l-Komunità, jew l-Istati Membri, jew il-Komunità u l-Istati Membri, skond il-poteri rispettivi tagħhom, fuq in-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 92

Meta materji koperti minn dan il-Ftehim ikunu koperti mit-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija u l-Protokolli tiegħu, tali Trattat u Protokolli għandhom meta jidħlu fis-seħħ japplikaw għal tali materji iżda biss sakemm tali applikazzjoni tkun stipulata fih.

ARTIKOLU 93

Dan il-Ftehim qed jiġi konkluż għal perijodu inizjali ta' għaxar snin, wara liema żmien għandu jiġi estiż awtomatikament minn sena għall-oħra, dejjem jekk l-ebda Parti ma tagħti lill-Parti l-oħra notifika bil-miktub ta' rinunzja ta' dan il-Ftehim sitt xhur qabel ma' jiskadi.

ARTIKOLU 94

1. Il-Partijiet jistgħu jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond dan il-Ftehim. Għandhom jaraw li l-miri stipulati f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Jekk kull Parti tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa obbligu taħt dan il-Ftehim, hi għandha tieħu miżuri xierqa. Qabel ma tagħmel dan, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali, għandha tgħaddi lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni l-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa għal eżami dettaljat tas-sitwazzjoni sabiex jipprova jilħaq soluzzjoni li tkun aċċettabbli għall-Partijiet.

   Fl-għażla ta' dawn il-miżuri, trid tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li l-anqas jiddisturbaw il-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri jridu jiġu notifikati immedjatament lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni jekk il-Parti l-oħra titlob hekk.

ARTIKOLU 95

L-Annessi I, II, III u IV flimkien mal-Protokoll għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 96

Dan il-Ftehim m'għandux, sakemm ma jinkisbux drittijiet ekwivalenti hawn taħt, jaffettwa d-drittijiet ta' l-individwi u l-operaturi ekonomiċi żgurati skond Ftehim eżistenti li jorbtu wieħed jew aktar Stati Membri fuq in-naħa l-waħda, u lir-Repubblika tat-Taġikistan fuq in-naħa l-oħra, ħlief fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità u mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jirriżultaw minn dan il-Ftehim f'oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom.

ARTIKOLU 97

Dan il-Ftehim għandu japplika, fuq naħa l-waħda, lit-territorji li fihom t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jiġu applikati u skond il-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati, u, fuq in-naħa l-oħra għar-Repubblika tat-Taġikistan.

ARTIKOLU 98

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 99

Il-verżjoni oriġinali ta' dan il-Ftehim, li tiegħu l-verżjoni Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taġika, Taljana u Ungeriża huma awtentiċi bl-istess mod, għandha tiġi depożitata mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 100

Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' wara t-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li l-proċeduri msemmija fl-ewwel paragrafu jkunu ġew kompluti.

Mad-dħul tiegħu fis-seħħ, u sakemm għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika tat-Taġikista u l-Komunità, dan il-Ftehim għandu jieħu post il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Unjoni tar-Repubbliċi Soċjalisti Sovjetiċi dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali ffirmat fi Brussel nhar it-18 ta' Diċembru 1989.

ARTIKOLU 101

F’każ illi, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-disposizzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' dan il-Ftehim qed jiddaħħlu fis-seħħ permezz ta' Ftehim Interim bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan, il-Partijiet jaqblu li, f’dali ċirkostanzi, it-terminu "data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim" għandha tfisser id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim.

GĦALL-ISTATI MEMBRI

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦAR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

Lista ta’ Dokumenti mehmuża

Anness I	Lista indikattiva ta’ vantaġġi mogħtija mir-Repubblika tat-Taġikistan lill-Istati Indipendenti skond l-Artikolu 7(3).
Anness II	Riservi tal-Komunità skond l-Artikolu 21(2).
Anness III	Servizzi finanzjarji skond l-Artikolu 23(3).
Anness IV	Il-konvenzjonijiet dwar il-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali msemmija fl-Artikolu 39.

Protokoll dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka dwar il-materji doganali.

ANNESS I

Lista indikattiva ta’ vantaġġi mogħtija

mir-Repubblika tat-Taġikistan lill-Federazzjoni ta’ l-Istati Indipendenti

Skond il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 7

1. Ir-Repubblika tal-Belarus, ir-Repubblika tal-Każakstan, ir-Repubblika tal-Kirgistan, il-Federazzjoni Russa: id-dazji ma japplikawx.

2. L-oġġetti trasportati skond it-trattamenti dwar il-kooperazzjoni industrijali mal-pajjiżi tas-CIS mhumiex taxxabbli.

3. Iċ-Ċertifikat ta’ Konformità tal-Produzzjoni Serjali huwa rikonoxxut mal-pajjiżi kollha tas-CIS, u fuqu jinħareġ iċ-Ċertifikat Nazzjonali ta’ Konformità.

4. Hemm sistema speċjali ta’ pagamenti kurrenti mal-pajjiżi kollha tas-CIS.

5. Jeżistu termini speċjali għal transitu mal-pajjiżi kollha tas-CIS.

ANNESS II

Riservi tal-Komunità skond il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 21

Minjieri

F'ċerti Stati Membri, jista' jkun hemm bżonn ta' konċessjoni għall-attivitajiet fil-minjieri u d-drittijiet għall-minerali għal kumpaniji kkontrollati barra mill-Komunità.

Sajd

L-aċċess għal u l-użu tar-riżorsi bioloġiċi u ż-żoni tas-sajd li jinsabu fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni ta' Stati Membri tal-Komunità huwa ristrett għall-bastimenti tas-sajd li jġorru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u li huma reġistrati fit-territorju tal-Komunità ħlief jekk jiġi stipulat mod ieħor.

Xiri ta' propjetà immobbli

F'ċerti Stati Membri, jeżistu ċerti restrizzjonijiet fuq ix-xiri ta' propjetà immobbli minn kumpaniji li mhumiex mill-Komunità.

Servizzi awdjoviżivi inkluż ir-radju

It-trattament nazzjonali dwar il-produzzjoni u d-distribuzzjoni inkluż ix-xandir u forom oħrajn ta' trasmissjoni lill-pubbliku, jistgħu jiġu riservati għal xogħlijiet awdjoviżivi li jissodisfaw ċerti kriterji ta' l-oriġini, iżda dan jeskludi l-infrastruttura għat-trasmissjoni bir-radju għat-trasmissjoni ta' tali xogħlijiet awdjoviżivi.

Servizzi professjonali

Servizzi riservati għal persuni naturali li huma ċittadini ta' Stati Membri. Taħt ċerti kundizzjonijiet dawk il-persuni jistgħu joħolqu kumpaniji.

Agrikoltura

F'ċerti Stati Membri t-trattament nazzjonali mhux applikabbli għal kumpaniji kkontrollati minn barra l-Komunità li jkunu jixtiequ jibdew impriża agrikola. Ix-xiri ta' raba tad-dwieli minn kumpaniji kkontrollati minn barra l-Komunità huwa suġġett għal notifika, jew, skond il-każ, awtorizzazzjoni.

Servizzi ta' aġenziji ta' l-aħbarijiet

F'ċerti Stati Membri hemm limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji tal-pubblikazzjoni u tax-xandir.

ANNESS III

Servizzi finanzjarji

msemmija fl-Artikolu 23(3)

Servizz finanzjarju huwa kwalunkwe servizz ta’ natura finanzjarja offrut minn fornitur ta’ servizzi finanzjarji ta' Parti. Servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

A. L-attivitajiet kollha ta’ assigurazzjoni u marbuta ma’ l-assigurazzjoni;

1. Assigurazzjoni diretta (inkluż ko-assigurazzjoni):

(i) fuq il-ħajja,

(ii) mhux fuq il-ħajja.

2. Ri-assigurazzjoni u retroċessjoni.

3. Intermedjazzjoni ta’ assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija.

4. Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, attwarjali, eżami tar-riskju u servizzi ta’ soluzzjoni ta’ klejms.

B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħrajn (eskluża l-assigurazzjoni).

1. Aċċettazzjoni ta’ depożiti u fondi ripagabbli mill-pubbliku.

2. Self ta’ kull tip, inkluż, fost l-affarijiet l-oħra, kreditu lill-konsumaturi, self fuq djar, *factoring* u finanzjament ta' transazzjoni kummerċjali.

3. *Financial leasing*.

4. Is-servizzi kollha ta’ pagamenti u trasmissjoni ta’ fondi, inkluż karti ta’ kreditu u debitu, *travellers cheques* u drafts tal-bank.

5. Garanziji u impenji.

6. Negozju f’isem propju jew f’isem il-klijenti, kemm jekk bil-kambju, fis-suq barra l-borża jew mod ieħor, inkluż:

(a) strumenti tas-suq tal-flus(ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta’ depożitu, eċċ.),

(b) skambju,

(ċ) prodotti derivattivi inklużi, iżda mhux limitati għal, drittijiet futuri ta' xiri u opzjonijiet,

(d) rati tal-kambju u strumenti ta' imgħax, inkluż prodotti bħall-i*swaps*, ftehim minn qabel dwar ir-rati, eċċ.,

(e) titoli trasferibbli,

(f) strumenti negozjabbli u assi finanzjarji oħrajn, inkluż ingotti.

7. Partecipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli inkluż l-ħruġ u l-pjazzament fis-suq bħala aġenti (kemm pubblikament jew privatament) u l-provvista ta' servizzi marbuta ma' tali ħruġ.

8. Senserija fil-flus.

9. Immaniġġjar ta' assi, bħall-immaniġjar tal-kontanti jew ta' portafoll, il-forom kollha ta' mmaniġġjar ta' skemi ta' investiment kollettiv, l-immaniġġjar ta' fondi ta' pensjoni, servizzi ta' kustodja ta' depożitu u servizzi fiduċjarji.

10. Servizzi ta' ħlas u *clearing* għall-assi finanzjarji, inkluż it-titoli, prodotti derivattivi u strumenti negozjabbli oħrajn.

11. Intermedjazzjoni konsultattiva u servizzi finanzjarji awżiljarji oħra fuq l-attivitajiet kollha elenkati fil-punti 1 sa 10 hawn fuq, inkluż referenzi u analiżi tal-kreditu, riċerka u pariri dwar investiment u portafolli, pariri dwar xiri u dwar ristrutturar u strateġiji tal-kumpaniji.

12. Provvista u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u pproċessar ta' dati finanzjarji u softwer relatat mill-forniturі ta' servizzi finanzjarji oħrajn.

L-attivitajiet li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni ta' servizzi finanzjarji:

(a) Attivitajiet li jsiru mill-banek ċentrali jew minn istituzzjoni pubblika oħra skond politiki monetarji u dwar rati tal-kambju.

(b) Attivitajiet li jsiru mill-banek ċentrali, aġenziji governattivi jew dipartimenti, jew istituzzjonijiet pubbliċi, f'isem jew bil-garanzija tal-gvern, ħlief meta dawk l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru mill-forniturі ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' tali entitajiet pubbliċi.

(ċ) Attivitajiet li jifformaw parti minn sistema ta' sigurtà soċjali jew pjanijiet pubbliċi dwar l-irtirar li jkunu sanċiti bil-liġi, ħlief meta dawk l-attivitajiet jistgħu jsiru mill-forniturі ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

ANNESS IV

Konvenzjonijiet dwar il-propjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali

msemmija fl-Artikolu 39

1. L-Artikolu 39(2) jikkonċerna l-konvenzjonijiet multilaterali li ġejjin:

   - Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' l-Atturi, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet ta' Xandara (Ruma, 1961);

   - Il-Protokoll marbut mal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tat-Trejdmarks (Madrid, 1989);

   - Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Speċi Ġodda ta' Pjanti (UPOV) (Att ta' Ġinevra, 1991).

2. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jirrakkomanda li l-Artikolu 39(2) għandu japplika għal konvenzjonijiet multilaterali oħrajn. Jekk ikun hemm xi problemi fl-oqsma tal-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali li jaffettwaw il-kundizzjonijiet kummerċjali, għandhom jinbdew konsultazzjonijiet urġenti, fuq talba ta' Parti minnhom, sabiex jaslu għal soluzzjonijiet li jkunu sodisfaċjenti għaż-żewġ naħat.

3. Il-Partijiet jikkonfermaw l-importanza ta' l-obbligi li joħorġu mill-konvenzjonijiet multilaterali li ġejjin:

   - Il-Konvezjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Propjetà Industrijali (Att ta' Stokkolma, 1967 u emendata fl-1979);

   - It-Trattat dwar il-Kooperazzjoni fil-Privattivi (Washington, 1970, emendat fl-1979 u modifikat fl-1984).- Il-Konvenzjoni Riveduta ta' Berna għall-protezzjoni ta' xogħlijiet litterarji u artistiċi (1886, kif l-aħħar emendata fl-1979);

   - It-Trattat Dwar il-Liġi tat-Trejdmarks (Ġinevra 1994)

4. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tagħti lill-kumpaniji u ċittadini tal-Komunità, fir-rigward tar-rispett u l-protezzjoni tal-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali, trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti lil kull pajjiż terz skond il-ftehim bilaterali.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4 m'għandhomx japplikaw għall-vantaġġi mogħtijia mir-Repubblika tat-Taġikistan lil kull terz pajjiż fuq bażi reċiproka effettiva u għall-vantaġġi mogħtija mir-Repubblika tat-Taġikistan lil pajjiż ieħor ta' l-ex Unjoni Sovjetika.

PROTOKOLL

DWAR GĦAJNUNA REĊIPROKA F'MATERJI TA' DWANA

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) "leġislazzjoni tad-dwana" tfisser kull disposizzjoni legali u regolatorja applikabbli fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti li jirregolaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-transitu ta' l-oġġetti u l-pjazzament tagħhom taħt kull reġim jew proċedura doganali oħra, inkluż il-miżuri tal-projbizzjoni, restrizzjoni jew kontroll adottat mill-Partijiet imsemmija;

(b) "l-awtorità applikanti" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun inħatret minn Parti Kontraenti għal dan l-iskop u li tagħmel talba għal għajnuna f'materji ta' dwana;

(ċ) "l-awtorità mitluba" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun inħatret minn Parti Kontraenti għal dan l-iskop u li tirċievi talba għal għajuna f'materji ta' dwana;

(d) "data personali" tfisser l-informazzjoni kollha marbuta ma' individwu indentifikat jew identifikabbli;

(e) "operazzjoni bi ksur ta' liġi tad-dwana" tfisser kull ksur jew attentat ksur tal-liġi tad-dwana.

ARTIKOLU 2

Ambitu ta' Applikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin, fl-oqsma fil-kompetenza tagħhom, skond l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Protokoll, sabiex jiżguraw li l-liġi tad-dwana tiġi applikata korrettament, b'mod partikolari sabiex tipprevjeni, tinvestiga u tressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti operazzjonijiet li jiksru dik il-liġi.

2. L-għajnuna, f'materji ta' dwana, kif previst f'dan il-Protokoll, għandha tapplika għal kull awtorità amministrattiva tal-Partijiet Kontraenti li tkun kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Dan m'għandux jippreġudika d-disposizzjonijiet li jirregolaw l-assistenza reċiproka f'materji kriminali. L-anqas ma jkopri informazzjoni miksuba taħt poteri użati fuq talba ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji, ħlief

fejn il-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni tkun awtorizzata mill-awtoritajiet imsemmija.

ARTIKOLU 3

Għajnuna fuq talba

1. Fuq it-talba ta' l-awtorita applikanti, l-awtorità mitluba għandha tgħaddilha l-informazzjoni kollha relevanti li tista' tgħinha tiżgura l-konformità mal-liġi tad-dwana, inkluż l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet annotati jew ippjanati li jistgħu jkunu bi ksur ta' dik il-liġi.

2. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinfurmaha jekk:

(a) ikunux ġew importati kif suppost l-oġġetti esportati mit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet Kontraenti lejn it-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-oġġetti;

(b) ikunux ġew importati kif suppost l-oġġetti importati fit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet Kontraenti lejn it-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-oġġetti;

3. Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha, fi ħdan il-qafas tad-disposizzjonijiet legali jew regolatorji, tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura s-sorveljanza speċjali ta':

(a) persuni jew persuni legali li huma suspettati a bazi ta' raġunijiet validi li għamlu jew jagħmlu attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

(b) postijiet fejn inħażnu jew setgħu nħażnu oġġetti b'tali mod illi jħallu suspett fuq bażi raġonevoli li kienu intenzjonati li jiġu użati f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

(ċ) oġġetti li huma jew li setgħu kienu trasportati b'tali mod illi jħallu suspett fuq bażi raġonevoli li kienu intenzjonati li jiġu użati f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

(d) mezzi ta' trasport li huma suspettati fuq bażi raġonevoli li ġew użati jew li setgħu ġew użati f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana.

ARTIKOLU 4

Għajnuna spontanja

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħaddu lil xulxin, fuq inizjattiva tagħhom stess u skond il-liġijiet tagħhom, regoli u strumenti legali oħrajn, b'għajnuna jekk iqisu li jkun hemm bżonnha

għall-applikazzjoni kif suppost tal-liġi tad-dwana, partikolarment meta jiksbu informazzjoni marbuta ma':

- attivitajiet li jikkostitwixxu jew jidhru li huma attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana u li jistgħu jkunu ta' interess għal Parti Kontraenti oħra;

- mezzi jew metodi ġodda użati fit-twettiq ta' attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

- oġġetti magħrufa li huma s-suġġett ta' attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

- persuni jew persuni legali li huma suspettati fuq raġunijiet validi li huma jew li kienu involuti f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

- mezzi ta' trasport li huma suspettati fuq raġunijiet validi li ntużaw, li jintużaw jew li jistgħu jintużaw f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana.

ARTIKOLU 5

Konsenja/Notifika

Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha, skond id-disposizzjonijiet legali jew regolatorji applikabbli, tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex:

- tikkonsenja d-dokumenti kollha,

- tinnotifika d-deċiżjonijiet kollha

li joħorġu mill-awtorità applikanti u li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Protokoll lill-persuna indirizzata, li tkun tirresjedi jew li tkun stabbilta fit-territorju tagħha. F'dan il-każ, l-Artikolu 6(3) għandu japplika għal talbiet għal komunikazzjoni jew notifika.

ARTIKOLU 6

Forma u sustanza tat-talbiet għall-għajnuna

1. Talbiet skond dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub. Huma għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa sabiex jiffaċilitaw il-konformità mat-talba. Meta l-urġenza tas-sitwazzjoni titlob hekk, jistgħu jiġu aċċettati talbiet bil-fomm, iżda dawn iridu jiġu kkonfermati bil-miktub minnufih.

2. Talbiet skond il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-awtorità applikanti li qed tagħmel it-talba;

   (b) il-miżura mitluba;

(ċ) l-iskop u r-raġuni għat-talba;

(d) il-liġijiet, ir-regoli u l-elementi legali involuti;

(e) indikazzjonijiet kemm jista' jkun preċiżi u kompleti dwar il-persuni jew persuni legali li jkunu l-mira ta' l-investigazzjonijiet;

(f) ġabra fil-qosor tal-fatti relevanti u tad-domandi li jkunu diġà saru.

3. It-talbiet għandhom jiġu sottomessi f'lingwa uffiċjali ta' l-awtorità mitluba jew f'lingwa aċċettabbli minn dik l-awtorità.

4. Jekk talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti formali, tista' tintalab il-korrezzjoni jew it-tkomplija tagħha; iżda jistgħu jiġu ordnati miżuri kawtelatorji.

ARTIKOLU 7

Eżekuzzjoni tat-talbiet

1. Sabiex tikkonforma mat-talba għal għajnuna, l-awtorità mitluba għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u tar-riżorsi disponibbli, daqs li kieku kienet qed taġixxi f'isimha propju jew fuq talba ta' awtoritajiet oħrajn ta' dik l-istess Parti, billi tgħaddi l-informazzjoni li diġà jkollha, billi tagħmel l-investigazzjonijiet xierqa jew billi tirranġa sabiex dawn isiru. Din id-disposizzjoni għandha tapplika wkoll għal kull awtorità oħra li tkun ġiet indirizzata mill-awtorità mitluba bis-saħħa ta' dan il-protokoll meta l-awtorità mitluba ma tkunx tista taġixxi waħedha.

2. Talbiet għall-għajnuna għandhom jitwettqu skond il-liġijiet, ir-regoli u l-istrumenti legali l-oħra tal-Parti Kontraenti mitluba.

3. Uffiċjali ta' Parti Kontraenti awtorizzati kif suppost jistgħu, bi ftehim mal-Parti l-oħra involuta u skond il-kundizzjonijiet stipulati minn din ta' l-aħħar, jiksbu mill-uffiċċji ta' l-awtorità mitluba jew awtorità oħra li għaliha tkun responsabbli l-awtorità mitluba, informazzjoni marbuta ma' attivitajiet li huma jew li jistgħu jkunu bi ksur tal-liġi tad-dwana li l-awtorità applikanti tkun teħtieġ għall-finijiet ta' dan il-Protokoll.

4. Uffiċjali ta' Parti jistgħu, bi ftehim mal-Parti Kontraenti l-oħra involuta u skond il-kundizzjonijiet stipulati minn din ta' l-aħħar, ikunu preżenti tul l-investigazzjonijiet li jsiru fit-territorju ta' din ta' l-aħħar.

ARTIKOLU 8

Forma li fiha trid tiġi komunikata l-informazzjoni

1. L-awtorità mitluba għandha tikkomunika r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet lill-awtorità applikanti f'forma ta' dokumenti, kopji ċertifikati tad-dokumenti, rapporti u affarijiet simili.

2. Il-provvista ta' dokumenti stipulati fil-paragrafu 1 tista' tiġi mibdula minn waħda ta' informazzjoni prodotta fi kwalunkwe forma għall-istess skop b'mezzi kompjuterizzati.

3. Il-fajls u d-dokumenti oriġinali għandhom jintalbu biss f'każijiet fejn il-kopji ċertifikati ma jkunux biżżejjed. L-oriġinali li jkunu ġew mibgħuta jridu jiġu ritornati ma' l-ewwel opportunità.

ARTIKOLU 9

Eċċezzjonijiet mill-obbligu li tagħti għajnuna

1. Il-Partijiet jistgħu jirrifjutaw li jagħtu għajnuna kif stipulat f'dan il-Protokoll, fejn jekk isir dan:

(a) probabilment jippreġudika s-sovranità tar-Repubblika tat-Taġikistan jew dik ta' l-Istat Membru li jkun ġie mitlub sabiex jagħti għajnuna skond dan il-Protokoll;

jew

(b) probabilment jikkomprommetti l-ordni pubbliku, s-sigurtà jew l-interessi essenzjali, b'mod partikolari fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2);

jew

(ċ) jikser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-għajnuna tista' tiġi posposta mill-awtorità mitluba fuq il-bażi illi din tinterferixxi ma' investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċediment li għaddej. F'każ ta' dan it-tip, l-awtorità mitluba għandha tikkonsulta ma' l-awtorità applikanti sabiex tiddetermina jekk l-għajnuna tistax tingħata taħt il-kundizzjonijiet li tistipula l-awtorità mitluba.

3. Fejn l-awtorità applikanti titlob għajnuna li hi nfisha ma tkunx tista' tagħti jekk tiġi mitluba tagħmel hekk, din għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Imbagħad id-deċiżjoni dwar kif tirrispondi għal talba simili għandha titħalla lill-awtorità mitluba.

4. Jekk l-għajnuna tkun rifjutata, id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha jridu jiġu notifikati lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

ARTIKOLU 10

Skambju ta' informazzjoni u kunfidenzjalità

1. Kull informazzjoni skambjata b'kull mezz skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun kunfidenzjali u ristretta, skond ir-regoli applikabbli f'kull waħda mill-Partijiet. Din l-informazzjoni hija koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skond il-liġijiet in kwistjoni tal-Parti li tkun rċevietha u d-disposizzjonijiet korrispondenti li japplikaw għall-istituzzjonijiet tal-Komunità.

2. Data personali tista' tiġi skambjata biss meta l-Parti li tirċievi timpenja ruħha sabiex tipproteġi tali data ta' l-inqas bl-istess mod tad-data applikabbli għal dak il-każ partikolari mill-Parti li tgħaddi l-informazzjoni.

3. L-informazzjoni li tinkiseb għandha tiġi użata biss għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Fejn waħda mill-Partijiet titlob l-użu ta' tali informazzjoni għal skopijiet oħra, hija għandha titlob għall-kunsens bil-miktub ta' l-awtorità li tkun forniet l-informazzjoni. Tali użu mbagħad għandu jkun suġġett għar-restrizzjonijiet kollha stipulata minn dik l-awtortià.

4. Il-paragrafu 3 m'għandhux jimpedixxi l-użu ta' informazjoni fi proċeduri ġudizzjari jew amministrattivi li jinbdew sussegwentement għal nuqqas ta' konformità mal-liġi tad-dwana. L-awtorità kompetenti li forniet dik l-informazzjoni għandha tkun immedjament notifikat b'tali użu.

5. Il-Partijiet jistgħu, fid-dokumenti tal-provi, rapporti u xhieda u fi proċeduri u akkużi miġjuba quddiem il-qrati, jużaw bħala prova informazzjoni miksuba u dokumenti konsultati skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 11

Esperti u xhieda

Uffiċjal ta' awtorità mitluba jista' jiġi awtorizzat sabiex jidher, fil-limiti ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala espert jew xhud fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi dwar il-materji koperti minn dan il-Protokoll fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra, u biex jipproduċi oġġetti, dokumenti jew kopji ċertifikati tagħhom, skond kif jitolbu l-proċeduri. It-taħrika trid tindika speċifikament fuq liema materji u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika l-uffiċjal ser jiġi eżaminat.

ARTIKOLU 12

Spejjeż ta’ Assistenza

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrinunzjaw għal kull dritt ta’ rimbors ta’ spejjeż ta’ xulxin li jkunu ġew minfuqa skond dan il-Protokoll, ħlief, fejn ikun il-każ, għall-ispejjeż marbuta ma’ l-esperti u x-xhieda u l-interpreti u t-tradutturi li ma jkunux impjegati taċ-ċivil.

ARTIKOLU 13

Implementazzjoni

1. L-applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll għandha tiġi fdata lill-awtoritajiet ċentrali tad-dwana tar-Repubblika tat-Taġikistan fuq naħa waħda u lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitàjiet Ewropej u, fejn xieraq, lill-awtoritajiet tad-dwana ta’ l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra. Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri prattiċi u l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, wara li jqisu r-regoli applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Huma jistgħu jirrakkomandaw lill-korpi kompetenti l-emendi li jqisu li jridu jsiru f’dan il-Protokoll.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati bir-regoli ta' implementazzjoni dettaljati li jiġu adottati skond id-disposizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 14

Ftehim oħrajn

1. Wara li jittieħdu in konsiderazzjoni l-kompetenzi tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Membri, id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom:

   - ma jkunux jaffettwaw l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti taħt kwalunkwe ftehim jew konvenzjoni internazzjonali oħra;

   - jitqiesu kumplimentari ma ftehim dwar għajnuna reċiproka li jkunu ġew jew setgħu jiġu konklużi bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tat-Taġikistan; u

   - ma jkunux jaffettwaw id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn il-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tad-dwana ta’ l-Istati Membri ta’ kull informazzjoni miksuba fl-oqsma koperti minn dan il-ftehim li jistgħu jkunu ta' interess għall-Komunità.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-disposizzjonijiet ta’ dan il-ftehim għandu jkollhom preċedenza fuq id-disposizzjonijiet tal-ftehim bilaterali dwar l-

għajnuna reċiproka li ġie jew seta' ġie konkluż bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tat-Taġikistan f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawk id-disposizzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar li ma jkunux kompatibbli ma' dan il-Protokoll.

3. Fir-rigward ta' domandi marbuta ma' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex isolvu l-kwistjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 79 tal-Ftehim.

ATT FINALI

Il-plenipotenzjarji ta':

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ĠREĊJA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVAKKJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-KOMUNITÀ EWROPEA u tat-Trattat li jistabbilixxi l-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA

minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Istati Membri", u

tal-KOMUNITÀ EWROPEA, u tal-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Komunità",

fuq naħa waħda, u

il-plenipotenzjarji tar-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN,

fuq in-naħa l-oħra

f'laqgħa fi Brussel, nhar għall-firma tal-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitàjiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa waħda u r-Repubblika tat-Taġikistan fuq in-naħa l-oħra, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", adottaw dawn it-testi li ġejjin:

il-Ftehim inkluż l-Annessi tiegħu u l-Protokoll li ġej:

il-Protokoll dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka dwar il-materji doganali.

Il-plenipotenzjarji ta' l-Istati Membri u tal-Komunità u l-plenipotenzjarji tar-Repubblikat tat-Taġikistan adottaw it-testi tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-data personali.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 5 tal-Ftehim

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 13 tal-Ftehim

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kunċett ta' "kontroll" fl-Artikolu 23(b) u fl-Artikolu 34.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 33 tal-Ftehim

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 40 tal-Ftehim

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 94 tal-Ftehim

Il-plenipotenzjarji ta' l-Istati Membri u tal-Komunità u l-plenipotenzjarji tar-Repubblika tat-Taġikistan taw każ ukoll tad-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-klawżola li tikkonċerna r-ritorn u r-ri-ammissjoni ta' immigranti illegali (Artikolu 70) anness ma' dan l-Att Finali.

Il-plenipotenzjarji l-Istati Membri u tal-Komunità u tar-Repubblikat tat-Taġikistan raw ukoll l-Iskambju ta' Ittri li ġej anness ma' dan l-Att Finali:

Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità u r-Repubblika tat-Taġikistan marbuta mat-twaqqif ta' kumpaniji.

Il-plenipotenzjarji l-Istati Membri u tal-Komunità u l-plenipotenzjarji tar-Repubblika tat-Taġikistan raw ukoll id-Dikjarazzjoni li ġejja annessa ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni mill-Gvern Franċiż.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR DATA PERSONALI

Fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet huma konxji mill-ħtieġa ta' protezzjoni xierqa ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u fir-rigward tal-moviment ħieles ta' tali data.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 5

Jekk il-Partijiet jaqblu li ċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw laqgħat fl-ogħla livell, tali laqgħat jistgħu jiġu rranġati fuq bażi ad hoc.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 13

Sakemm ir-Repubblika tat-Taġikistan taderixxxi mad-WTO, il-Partijiet għandu jkollhom konsultazzjonijiet fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni dwar il-politiki ta' tariffi fuq l-importazzjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan, inkluż it-tibdil fil-protezzjoni tariffali. B'mod partikolari, tali konsultazzjonijiet għandhom jiġu offruti qabel iż-żieda tal-protezzjoni tariffali.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-KUNĊETT TA' "KONTROLL"

FL-ARTIKOLI 22(b) u l-ARTIKOLU 33

1. Il-Partijiet jikkonferaw il-ftehim reċiproku li l-kwistjoni ta' kontroll għandha tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ partikolari.

2. Kumpanija tista', per eżempju, tiġi meqjusa bħala "ikkontrollata" minn kumpanija oħra, u għaldaqstant sussidjarja ta' tali kumpanija jekk:

   - il-kumpanija l-oħra jkollha direttament jew indirettament maġġoranza tad-drittijiet tal-vot, jew

   - il-kumpanija l-oħra għanda d-dritt li taħtar jew tkeċċi maġġoranza mill-organu amministrattiv, mill-organu ta' l-immaniġġjar jew l-organu ta' sorveljanza u fl-istess waqt tkun azzjonist jew membru tas-sussidjarja.

3. Il-Partijiet iqisu l-kriterji tal-paragrafu 2 bħala mhux eżawrjenti.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 32

Il-fatt waħdu li tintalab viża għall-persuni naturali ta' ċerti Partijiet u mhux għal dawk ta' oħrajn m'għandux jiġi meqjus bħala li jannulla jew ifixkel benefiċċji taħt xi impenn speċifiku.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 39

Il-Partijiet jaqblu li għall-finijiet tal-Ftehim, il-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali tinkludi b'mod partikolari d-drittijiet ta' l-awtur, inkluż id-drittijiet ta' l-awtur fi programmi tal-kompjuter, u drittijiet anċillari, id-drittijiet marbuta mal-privattivi, id-disinji industrijali, l-indikazzjonijiet ġeografiċi inkluż l-isem ta' l-oriġini, it-trejdmarks u l-marki tas-servizz, topografiji ta' ċirkwiti integrati kif ukoll protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-protezzjoni tal-Propjetà Industrijali u l-protezzjoni ta' informazzjoni sigrieta dwar is-snajja'.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 94

1. Il-Partijiet jaqblu, għall-finijiet ta' interpretazzjoni korretta u applikazzjoni prattika, li t-terminu "każijiet ta' urġenza speċjali" inkluż fl-Artikolu 94 tal-Ftehim ifisser każijiet ta' ksur materjali tal-Ftehim minn waħda mill-Partijiet. Ksur materjali tal-Ftehim jikkonsisti f':

   (a) nuqqas ta' rikonoxximent tal-Ftehim li ma jkunx sanzjonat mir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali,

   jew

(b) ksur ta’ l-elementi essenzjali tal-Ftehim stipulati fl-Artikolu 2.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-“miżuri xierqa" msemmija fl-Artikolu 94 huma miżuri meħuda skond id-dritt internazzjonali. Jekk parti tieħu miżura f’każ ta’ urġenza speċjali kif stipulat fl-Artikolu 94, il-Parti l-oħra tista’ tuża l-proċedura marbuta mas-soluzzjoni tat-tilwim.

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA DWAR IL-KLAWŻOLA MARBUTA MAR-RITORN U RI-AMMISSJONI TA’ IMMIGRANTI ILLEGALI (ARTIKOLU 70)

L-Artikolu 70 għandu jkun mingħajr ħsara għad-diviżjoni interna tal-poteri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-konklużjoni tal-ftehim ta’ ri-ammissjoni.

GĦALL-ISTATI MEMBRI

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦAR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

SKAMBJU TA’ ITTRI BEJN IL-KOMUNITÀ U R-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN DWAR IT-TWAQQIF TA’ KUMPANIJI

A. Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan

Sinjur,

Nirreferi għall-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li nbeda fis-16.12.2003.

Kif enfasizzajt tul in-negozjati, ir-Repubblika tat-Taġikistan qed tagħti lill-kumpaniji tal-Komunità li jistabbilixxu ruħhom u li joperaw mit-Taġikistan trattament speċjali f'ċerti oqsma. Jiena fissirt li dan jirrefletti l-politika Taġika ta' promozzjoni bil-mezzi kollha possibbli tat-twaqqif ta' kumpaniji tal-Komunità fir-Repubblika tat-Taġikistan.

Filwaqt li nżomm dan f'moħħi, nifhem illi tul il-perijodu bejn id-data li fiha nbeda dan il-ftehim u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-artikolu relevanti dwar l-istabbiliment ta' kumpaniji, ir-Repubblika tat-Taġikistan m'għandhiex tadotta miżuri jew regolamenti li jintroduċu jew iħarrxu d-diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji tal-Komunità meta mqabbla ma' kumpaniji Taġiki jew kumpaniji minn kwalunkwe pajjiż terz meta wieħed iqabbel din is-sitwazzjoni ma' dik eżistenti fid-data li fiha nbeda dan il-Ftehim.

Inkunlek grat jekk inti tibgħat riċevuta ta' din l-ittra.

Għoddni tiegħek,

Għall-Gvern tar-

Repubblika tat-Taġikistan

B. Ittra mill-Komunità Ewropea

Sinjur,

Grazzi għall-ittra bid-data tal-lum, li taqra kif ġej:

“Nirreferi għall-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li nbeda fis-16.12.2004.

Kif enfasizzajt tul in-negozjati, ir-Repubblika tat-Taġikistan qed tagħti lill-kumpaniji tal-Komunità li jistabbilixxu ruħhom u li joperaw mir-Repubblika tat-Taġikistan trattament speċjali f’ċerti oqsma. Jiena fissirt li dan jirrefletti l-politika Taġika ta’ promozzjoni bil-mezzi kollha possibbli tat-twaqqif ta’ kumpaniji tal-Komunità fir-Repubblika tat-Taġikistan.

Filwaqt li nżomm dan f’moħħi, nifhem illi tul il-perijodu bejn id-data li fiha nbeda dan il-ftehim u d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ l-artikolu relevanti dwar l-istabbiliment ta’ kumpaniji, ir-Repubblika tat-Taġikistan m'għandhiex tadotta miżuri jew regolamenti li jintroduċu jew iħarrxu d-diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji tal-Komunità meta mqabbla ma’ kumpaniji Taġiki jew kumpaniji minn kwalunkwe pajjiż terz meta wieħed iqabbel din is-sitwazzjoni ma’ dik eżistenti fid-data li fiha nbeda dan il-Ftehim.

Inkunlek grat jekk inti tibgħat riċevuta ta’ din l-ittra.”

Dan id-dokument huwa riċevuta ta’ l-ittra tiegħek.

Għoddni tiegħek,

F’isem il-

Komunità Ewropea

FTEHIM INTERIM

Dwar il-kummerċ u materji marbuta mal-kummerċ bejn fuq naħa waħda l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u fuq in-naħa l-oħra r-Repubblika tat-Taġikistan.

Il-KOMUNITÀ EWROPEA u l-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA minn issa 'l quddiem magħrufin bħala "IL-KOMUNITÀ"

fuq naħa waħda

u r-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

fuq in-naħa l-oħra

Billi nbeda Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa u r-Repubblika tat-Taġikistan fuq in-naħa l-oħra fis-16 ta' Diċembru 2003,

Billi l-iskop tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni huwa sabiex isaħħaħ u jwessa' r-relazzzjonijiet li ġew stabbiliti preċedentement, l-aktar permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni Sovjetika ffirmat f'Diċembru ta' l-1989;

Billi huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-iżvilupp ta' malajr tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet;

Billi għal dan l-iskop huwa meħtieġ li jiġu mplementati kemm jista' jkun malajr, permezz ta' Ftehim Interim, id-disposizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni dwar il-kummerċ u materji marbuta mal-kummerċ;

Billi d-disposizzjonijiet imsemmija għandhom, għalhekk, jieħdu post id-disposizzjonijiet relevanti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika;

Billi huwa meħtieġ illi jiġi żgurat li sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar Sħubija u Kkoperazzjoni u jiġi stabbilit il-Kunsill ta' Kooperazzjoni, il-Kumitat Konġunt stabbilit bis-saħħa tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali jista' jeżerċita dawk il-poteri mogħtija mill-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni, li jkunu meħtieġa sabiex jiġi implementat il-Ftehim Interim;

Iddeċidew li jikkonkludu dan il-Ftehim u għal dan il-għan ħatru bħala plenipotenzjarji tagħhom lil:

Il-KOMUNITÀ EWROPEA:

IR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN:

Li wara li skambjaw il-Poteri Kollha, fil-forma t-tajba kif suppost,

FTIEHMU kif ġej:

TITOLU I: PRINĊIPJI ĠENERALI

[PCA TAĠIKISTAN: TITOLU I]

Artikolu 1

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 2]

Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali u umani, kif imfissra b'mod partikolari fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-Att Finali ta' Helsinki u fil-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida, kif ukoll il-prinċipji ta' ekonomija tas-suq, huma l-bażi tal-politiki interni u esterni tal-Partijiet u huma parti essenzjali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 2

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 3]

Il-Partijiet iqisu li huwa essenzjali għall-prosperità u l-istabbiltà futura tagħhom li l-istati indipendenti ġodda li ħarġu mix-xoljiment ta' l-Unjoni ta' Repubbliċi Soċjalisti Sovjetiċi, minn issa 'l quddiem imsejħa "Stati Indipendenti", għandhom imantnu u jiżviluppaw kooperazzjoni bejniethom skond il-prinċipji ta' l-Att Finali ta' Helsinki u skond id-dritt internazzjonali u fi ispirtu ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien, u ser jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jinkoraġġixxu dan il-proċess.

TITOLU II: KUMMERĊ FL-OĠĠETTI

[PCA TAĠIKISTAN: TITOLU III]

Artikolu 3

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 7]

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin trattament ta' pajjiż l-aktar favorit fl-oqsma kollha fir-rigward ta':

- dazji u taxxi applikabbli fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, inkluż il-metodu ta' ġbir ta' tali dazji u taxxi;

- disposizzjonijiet dwar ir-rilaxx mid-dwana, it-tranżitu, l-imħażen u t-trasbord;

- taxxi u ħlasijiet interni ta' kull għamla applikabbli direttament jew indirettament għall-oġġetti impurtati;

- metodi ta' ħlas u t-trasferiment ta' tali ħlasijiet;

- ir-regoli marbuta mal-bejgħ, ix-xiri, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu ta' l-oġġett fuq is-suq domestiku.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal:

(a) vantaġġi mogħtija bl-iskop li tinħoloq unjoni doganali jew żona ta' kummerċ ħieles jew minħabba l-ħolqien ta' tali unjoni jew żona;

(b) vantaġġi mogħtija lil xi pajjiżi partikolari skond ir-regoli tad-WTO u skond arranġamenti internazzjonali oħrajn favur pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(ċ) vantaġġi mogħtija lil pajjiżi konfinanti sabiex jiffaċiltaw it-traffiku fuq il-fruntiera.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw, għal perijodu transitorju li jiskadi ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, għall-vantaġġi mfissra fl-Anness I mogħtija mir-Repubblika tat-Taġikistan lil stati oħra li ħarġu mix-xoljiment ta' l-Unjoni Sovjetika.

Artikolu 4

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 8]

1. Il-Partijiet jaqblu illi l-prinċipju tat-transitu liberu huwa kundizzjoni essenzjali għall-kisba tal-miri ta' dan il-Ftehim.

F'dan ir-rigward kull Parti għandha tiżgura transitu liberu mit-territorju tagħha ta' oġġetti li joriġinaw fit-territorju doganali jew huma destinati għat-territorju doganali tal-Parti l-oħra.

2. Ir-regoli mfissra fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ta' l-Artikolu V tal-GATT 1994 huma applikabbli bejn il-Partijiet.

3. Ir-regoli li jinsabu f'dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċjali miftiehma bejn il-Partijiet fir-rigward ta' setturi speċifiċi, b'mod partikolari t-trasport, jew il-prodotti.

Artikolu 5

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 9]

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ammissjoni temporanja ta' oġġetti li jorbtu lill-Partijiet, kull Parti għandha tagħti lill-Parti l-oħra eżenzjoni mit-taxxi fuq l-importazzjoni u d-dazji fuq l-oġġetti ammessi temporanjament, fil-każijiet u skond il-proċeduri stipulati minn kwalunkwe konvenzjoni internazzjonali oħra fuq dan is-suġġett applikabbli għaliha, skond il-liġi tagħha. Għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu ġew aċċettati mill-Parti in kwistjoni l-obbligi li joħorġu minn tali konvenzjoni.

Artikolu 6

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 10]

1. Oġġetti li ġejjin mir-Repubblika tat-Taġikistan għandhom jiġu mpurtati fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' l-istess effett, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 15 u 16 ta' dan il-Ftehim.

2. Oġġetti li ġejjin mir-Repubblika tat-Taġikistan għandhom jiġu mpurtati fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' l-istess effett, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 15 u 16 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 7

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 11]

L-oġġetti għandhom jiġu negozjati bejn il-Partijiet bi prezzijiet marbuta mas-suq.

Artikolu 8

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 12]

1. Fejn xi prodott ikun qed jiġi impurtat fit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet fi kwantitajiet miżjuda b'tali mod jew taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu għall-produtturi domestiċi ta' prodotti simili jew li jikkompetu magħhom, il-Komunità jew ir-Repubblika tat-Taġikistan, skond il-każ, jistgħu jieħdu l-miżuri xierqa skond il-proċeduri u l-kundizzjonijiet li ġejjin.

2. Qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura, jew fil-każijiet li għalihom japplika l-Artikolu 4, kemm jista' jkun malajr wara li tittieħed tali miżura, il-Komunità jew ir-Repubblika tat-Taġikistan skond il-każ, tista' tgħaddi l-informazzjoni kollha

relevanti lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni sabiex tfittex soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet skond kif stipulat fit-Titolu XI.

3. Jekk, bħala riżultat tal-konsultazzjonijiet, il-Partijiet ma jilħqux ftehim fi żmien 30 ġurnata mir-referenza għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni dwar azzjonijiet ta' rimedju tas-sitwazzjoni, il-Parti li tkun talbet konsultazzjonijiet għandha tkun libera li tirrestringi l-importazzjoni tal-prodotti in kwistjoni bi kwantità u għal tul żmien li jkun meħtieġ sabiex tipprevjeni jew tirmedja għad-dannu, jew sabiex tadotta miżuri xierqa.

4. F'ċirkustanzi kritiċi fejn dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli li jiġi rimedjat, il-Partijiet jistgħu jieħdu l-miżuri qabel il-konsultazzjonijiet, dejjem fuq il-kundizzjoni li l-konsultazzjonijiet jinbdew immedjatament wara li tittieħed tali azzjoni.

5. Fl-għażla tal-miżuri taħt dan l-Artikolu, il-Partijiet għandhom jagħtu prijorità lil dawk li jikkawżaw l-anqas problemi fil-kisba tal-miri ta' dan il-Ftehim.

6. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jippreġudika jew fi kwalunkwe mod jaffettwa l-introduzzjoni miż-żewġ Partijiet, ta' miżuri kontra d-*dumping* jew miżuri korrettivi skond l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Korrettivi jew il-leġislazzjoni interna marbuta ma' dan.

Artikolu 9

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 13]

Il-partijiet jobbligaw lilhom infushom li jaġġustaw id-disposizzjonijiet f'dan il-Ftehim dwar il-kummerċ fl-oġġetti bejniethom, fid-dawl taċ-ċirkostanzi, u b'mod partikolari tas-sitwazzjoni li toħroġ mill-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan mad-WTO. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jagħmel rakkonmandazzjonijiet dwar tali aġġustamenti lill-Partijiet li jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ, meta jiġu aċċettati, bis-saħħa ta' ftehim bejn il-Partijiet skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

Artikolu 10

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 14]

Dan il-Ftehim m'għandux jipprekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-oġġetti fi tranżitu fuq il-bażi ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja umana, ta' l-annimali jew pjanti; il-protezzjoni tar-riżorsi naturali; il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni tal-propjetà intellettwali, industrijali jew kummerċjali jew regoli

marbuta mad-deheb u l-fidda. Tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet m'għandhomx madanakollu, jikkostitwixxu mezz arbitrarju ta' diskriminazzjoni jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.

Artikolu 11

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 15]

Il-kummerċ fit-tessuti li jaqa' taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tan-Nomenklatura Magħquda huwa regolat bi ftehim bilaterali separat. Wara l-iskadenza tal-ftehim separat, il-prodotti tessili għandhom jiġu nklużi f'dan il-Ftehim.

Artikolu 12

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 16]

Il-kummerċ f'materjali nukleari għandu jsir skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika. Jekk ikun meħtieġ, il-kummerċ f'materjali nukleari għandu jkun is-suġġett ta' Ftehim speċifiku li jrid jiġi konkluż bejn il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u r-Repubblika tat-Taġikistan.

TITOLU III:

PAGAMENTI, KOMPETIZZJONI U DISPOSIZZJONIJIET EKONOMIĊI OĦRAJN

[PCA TAĠIKISTAN: TITOLU IV]

Artikolu 13

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 38.1]

Il-Partijiet jobbligaw ruħhom li jawtorizzaw f'munita li tista' tissarraf liberament kull pagament fuq il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti bejn ir-residenti tal-Komunità u tar-Repubblika tat-Taġikistan marbuta mal-moviment ta' l-oġġetti, servizzi jew persuni skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 14

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 40.4]

Il-Partijiet jaqblu li jeżaminaw modi kif japplikaw il-liġijiet tal-kompetizzjoni rispettivi bi ftehim bejniethom f'każijiet fejn il-kummerċ bejniethom ikun qed jiġi affettwat.

Artikolu 15

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 39.1]

Skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Anness II, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tkompli ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet intelletwali, industrijali u kummerċjali sabiex tipprovdi, sa l-aħħar tal-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, livell ta' protezzjoni simili għal dak li hemm fil-Komunità, inkluż mezzi effettivi ta' infurzar ta' tali drittijiet.

Artikolu 16

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 42]

Kooperazzjoni fil-qasam tal-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi

Il-Partijiet ser jikkooperaw sabiex jiżguraw li l-kummerċ internazzjonali tar-Repubblika tat-Taġikistan isir skond ir-regoli tad-WTO. Il-Komunità għandha tagħti għajnuna tekika lir-Repubblika tat-Taġikistan f'dan ir-rigward.

Tali kooperazzjoni għandha tinkludi punti speċifiċi direttament relevanti għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ, b'mod partikolari sabiex tingħata għajnuna lir-Repubblika tat-Taġikistan sabiex tarmonizza l-liġi u r-regolamenti tagħha mar-regoli tad-WTO u b'hekk tissodisfa malajr kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni ma' dik l-organizzazzjoni. Dawn jinkludu:

- it-tfassil ta' politika dwar il-kummerċ u materji marbuta mal-kummerċ, inkluż il-pagamenti u l-mekkaniżmi ta' *clearing*,

- it-tfassil ta' leġislazzjoni relevanti.

Artikolu 17

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 45]

Appalti pubbliċi

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżviluppaw il-kundizzjonijiet għal għoti miftuħ u kompetittiv ta' kuntratti għal oġġetti u servizzi, b'mod partikolari permezz ta' sejħiet għall-offerti.

Artikolu 18

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 46]

Kooperazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u eżami ta' konformità

1. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tippromwovi allinjament ma' kriterji, prinċipji u linji ta' gwida maqbula fuq livell internazzjonali fl-oqsma tal-metroloġija, l-istandards u l-eżami ta' konformità, sabiex tiffaċilita l-progress lejn rikonoxximent reċiproku fil-qasam ta' l-eżami ta' konformità, u sabiex ittejjeb il-kwalità tal-prodotti Taġiki.

2. Għal dan il-għan il-Partijiet għandhom jippruvaw jikkooperaw fi proġetti ta' għajnuna teknika li sejrin:

   - jippromwovu kooperazzjoni kif suppost ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet speċalizzati f'dawn l-oqsma;

   - jippromwovu l-użu tar-regolamenti tekniċi tal-Komunità u l-applikazzjoni ta' l-istandards u l-proċeduri ta' eżami tal-konformità Ewropej;

   - jippermettu l-qsim ta' esperjenza u informazzjoni teknika fil-qasam ta' l-immaniġġjar tal-kwalità.

Artikolu 19

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 50]

Agrikoltura u s-settur agro-industrijali

L-iskop tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandu jkun it-tiftix ta' riforma agrarja u riforma ta' l-istrutturi agrikoli, il-modernizzazzjoni, il-privatizzazzjoni u r-ristrutturar ta' l-agrikoltura, t-trobbija ta' l-annimali u s-setturi ta' l-agro-industrija u tas-servizzi fir-Repubblika tat-Taġikistan, u l-iżvilupp ta' swieq domestiċi u barranin għall-prodotti Taġiki, f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' l-ambjent, wara li tittieħed in kunsiderazzjoni l-ħtieġa li titjieb is-sigurtà fil-provvista ta' l-ikel u jiġi żviluppat in-negozju ta' agrikoltura u l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' prodotti agrikoli. Il-Partijiet għandhom ukoll ifittxu li jiksbu l-approssimazzjoni gradwali ta' l-istandards Taġiki mar-regolamenti tekniċi dwar il-prodotti industrijali u dawk agrikoli ta' l-ikel, inkluż l-istandards sanitarji u fitosanitarji.

Artikolu 20

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 63]

Dwana

1. L-iskop ta' kooperazzjoni għandu jkun dak li jiggarantixxi konformità mad-disposizzjonijiet kollha skedati għall-adozzjoni marbuta mal-kummerċ u l-kummerċ ġust u sabiex tinkiseb l-approssimazzjoni tas-sistema doganali tar-Repubblika tat-Taġikistan ma' dik tal-Komunità.

2. Il-Kooperazzjoni għandha ssir partikolarment permezz ta':

   - l-iskambju ta' informazzjoni;

   - it-tijib tal-metodi tax-xogħol;

   - l-introduzzjoni tan-Nomenkaltura Magħquda u d-dokument amministrattiv uniku;

   - is-simplifikazjoni tal-kontrolli u l-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' l-oġġetti;

   - għajnuna għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni doganali moderni;

   - l-organizzazzjoni ta' seminars u perijodi ta' taħriġ.

   L-għajnuna teknika għandha tingħata meta tkun meħtieġa.

3. Mingħajr preġudizzju għal kooperazzjoni oħra taħt dan il-Ftehim, u b'mod partikolari t-Titolu VIII, għandu jkun hemm għajnuna konġunta f'materji doganali bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Partijiet skond id-disposizzjonijiet tal-Protokoll mehmuż ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 21

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 64]

Kooperazzjoni fl-istatistika

Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tfittex l-iżvilupp ta' sistema effiċjenti ta' l-istatistika sabiex tipprovdi statistiċi ta' min joqgħod fuqhom meħtieġa sabiex isostnu u jissorveljaw ir-riforma soċjo-ekonomika u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-impriża privata fir-Repubblika tat-Taġikistan.

Il-Partijiet għandhom, b'mod partikolari, tikkoopera fl-oqsma li ġejjin:

- l-adattament tas-sistema ta' l-istatistika Taġika mal-metodi, l-istandards u l-klassifikazzjoni internazzjonali;

- l-iskambju ta' informazzjoni statistika;

- il-provvista ta' statistika makro u mikro-ekonomika meħtieġa sabiex timplementa u timmaniġġja r-riformi ekonomiċi.

Il-Komunità għandha tagħti għajnuna tekika lir-Repubblika tat-Taġikistan f'dan ir-rigward.

TITOLU IV:

DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

[PCA TAĠIKISTAN: TITOLU XI]

Artikolu 22

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Unjoni Sovjetika nhar it-18 ta' Diċembru 1989 għandu jaqdi l-kompiti mogħtija lilu b'dan il-Ftehim sakemm jiġi stabbilit il-Kunsill ta' Kooperazzjoni stipulat fl-Artikolu 77 tal-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni.

Artikolu 23

Il-Kumitat Konġunt jista', biex jilħaq il-miri ta' dan il-Ftehim, jagħmel rakkomandazzjonijiet fil-każijiet stipulati fih.

Għandu jfassal ir-rakkomandandazzjonijiet bi ftehim bejn il-Partijiet.

Artikolu 24

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 81]

Meta jeżamina kwalunkwe suġġett fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' disposizzjoni li tirreferi għal Artikolu ta' wieħed mill-Ftehim li jwaqqfu d-WTO, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jieħu in kunsiderazzjoni sakemm ikun possibbli l-interpretazzjoni li ġeneralment tingħata lill-Artikolu in kwistjoni mill-Membri tad-WTO.

Artikolu 25

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 85]

1. Fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, kull Parti timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni naturali u legali tal-Parti l-oħra jkollha aċċess liberu minn kull forma ta' diskriminazzjoni fir-rigward taċ-ċittadini tagħha stess lejn il-qrati kompetenti u l-organi amministrattivi tal-Partijiet sabiex jiddefendu d-drittijiet individwali u ta' propjetà, inklużi dawk li jikkonċernaw il-propjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali.

2. Fil-limiti tal-poteri u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet:

   - għandhom jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' l-arbitraġġ għas-soluzzjoni ta' tilwim li joħroġ mit-transazzjonijiet kummerċjali u ta' kooperazzjoni konklużi mill-operaturi ekonomiċi tal-Komunità u dawk tar-Repubblika tat-Taġikistan;

   - jaqblu li fejn tilwima tiġi sottomessa għall-arbitraġġ, kull parti għat-tilwima tista', ħlief fejn ir-regoli taċ-ċentru ta' l-arbitraġġ jistipulaw mod ieħor, jagħżlu l-arbitru tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità tiegħu, u li t-tielet arbitru li jippresjedi jew l-arbitru uniku jistà jkun ċittadinta' pajjiż terz;

   - għandhom jirrakkomandaw l-operaturi ekonomiċi tagħhom sabiex jagħżlu b'kunsens reċiproku l-liġi applikabbli għall-kuntratti tagħhom;

   - għandhom jinkoraġġixxu l-użu tar-regoli ta' l-arbitraġġ elaborati mill-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Kummerċjali Internazzjonali (UNCITRAL) u ta' l-arbitraġġ minn kwalunkwe ċentru ta' Stat firmatarju tal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet Arbitrali magħmula fi New York, fl-10 ta' Ġunju 1958.

Artikolu 26

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 86]

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni xi Parti, fil-limiti tal-poteri u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, milli jieħdu xi miżuri:

(a) li tikkunsidra meħtieġa sabiex twaqqaf il-kxif ta' informazzjoni kontra l-interessi vitali ta' sigurtà tagħha;

(b) marbuta mal-produzzjoni ta', jew kummerċ fl-armi, munizzjonijiet jew materjali tal-gwerra jew ta' riċerka, żvilupp jew produzzjoni indispensabbli għal skopijiet ta' difiża, dejjem jekk tali miżuri ma tellfux il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fir-rigward ta' prodotti li mhumiex intiżi speċifikament għal skopijiet militari;

(ċ) li tikkunsidra essenzjali għas-sigurtà propja fl-eventwalità ta' problemi interni serji li jaffettwaw iż-żamma tal-liġi u l-ordni pubbliku, fi żmien il-gwerra jew tensjoni internazzjonali serja li hija theddida ta' gwerra jew sabiex tissodisfa l-obbligi li tkun aċettat għall-iskopijiet taż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

(d) li tqis meħtieġa sabiex tirrispetta l-obbligi u l-impenji internazzjonali fir-rigward ta' l-użu doppju ta' l-oġġetti industrijali u tat-teknoloġija.

Artikolu 27

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 87]

1. Fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe disposizzjonijiet speċjali li jinsabu fih:

- l-arranġamenti applikati mir-Repubblika tat-Taġikistan fir-rigward tal-Komunità m'għandhomx iwasslu għal kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri, iċ-ċittadini tagħhom jew il-kumpaniji u negozji tagħhom;

- l-arranġamenti applikati mill-Komunità fir-rigward tar-Repubblika tat-Taġikistan m'għandhomx iwasslu għal kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini, kumpaniji jew negozji Taġiki.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Partijiet li japplikaw id-disposizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom għall-persuni li jħallsu it-taxxa li ma jkunux f'pożizzjoni identika fir-rigward tal-post ta' residenza tagħhom.

Artikolu 28

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 88]

1. Kull waħda mill-Partijiet tista' tirreferi lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni kwalunkwe tilwima marbuta ma' l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jsolvi tilwima permezz ta' rakkomandazzjoni.

3. Jekk ma jkunx possibbli li l-partijiet jsolvu l-każ b'mod konformi ma' paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kull Parti tista' tinnotifika lill-oħra bil-ħatra ta' konċiljatur; it-tieni Parti mbagħad tista' taħtar it-tieni konċiljatur fi żmien xahrejn. Biex tapplika din il-proċedura, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jiġu meqjusa bħala Parti waħda fit-tilwima.

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jaħtar it-tielet konċiljatur.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-konċiljaturi għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu jorbtu fuq il-Partijiet.

Artikolu 29

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 89]

Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw ma' xulxin mill-ewwel, permezz tal-metodi xierqa u fuq talba ta' kwalunkwe Parti, fuq kull materja li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-aspetti relevanti l-oħra tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhom bl-ebda mod jaffettwaw, u huma mingħajr preġudizzju għal, l-Artikoli 12, 88 u 94.

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jistabbilixxi regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim.

Artikolu 30

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 90]

It-trattament mogħti lir-Repubblika tat-Taġikistan taħt dan il-Ftehim m'għandu fl-ebda każ ikun aktar favorevoli minn dak mogħti mill-Istati Membri lil xulxin.

Artikolu 31

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 92]

Meta materji koperti minn dan il-Ftehim ikunu koperti mit-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija u l-Protokolli tiegħu, tali Trattat u Protokolli għandhom meta jidħlu fis-seħħ japplikaw għal tali materji iżda biss sakemm tali applikazzjoni tkun stipulata fih.

Artikolu 32

1. Il-Ftehim għandu jkun applikabbli sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni li nbeda fis-16 ta' Diċembru 2003.

2. Kull waħda mill-Partijiet tista' tiddikjara dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika wara li jgħaddu sitt xhur mid-data ta' tali notifika.

Artikolu 33

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 94]

1. Il-Partijiet jistgħu jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond dan il-Ftehim. Għandhom jaraw li l-miri stipulati f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Jekk kull Parti tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa obbligu taħt dan il-Ftehim, hi għandha tieħu miżuri xierqa. Qabel ma tagħmel dan, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali, għandha tgħaddi lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni l-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa għal eżami dettaljat tas-sitwazzjoni sabiex jipprova jilħaq soluzzjoni li tkun aċċettabbli għall-Partijiet.

   Fl-għażla ta' dawn il-miżuri, trid tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li l-anqas jiddisturbaw il-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri jridu jiġu notifikati immedjatament lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni jekk il-Parti l-oħra titlob hekk.

Artikolu 34

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 95]

L-Annessi I, II, III u IV flimkien mal-Protokoll dwar għajnuna amministrattiva reċiproka f'materji doganali għandu jkun parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 35

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 97]

Dan il-Ftehim għandu japplika, fuq naħa l-waħda, lit-territorji li fihom t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jiġu applikati u skond il-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati, u, fuq in-naħa l-oħra għar-Repubblika tat-Taġikistan.

Artikolu 36

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 99]

Il-verżjoni oriġinali ta' dan il-Ftehim, li tiegħu l-verżjoni Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taġika, Taljana u Ungeriża huma awtentiċi bl-istess mod, għandha tiġi depożitata mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 37

Dan il-Ftehim ser jiġi approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' wara t-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw li l-proċeduri msemmija fl-ewwel paragrafu jkunu ġew kompluti.

Wara li jidħol fis-seħħ, u sakemm ir-relazzjonijiet bejn it-Taġikistan u l-Komunità huma konċernati, dan il-Ftehim għandu jieħu post l-Artikolu 2, l-Artikolu 3, ħlief għar-raba inċiż tiegħu, u l-Artikoli 4 sa 16 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija u l-Unjoni ta' Repubbliċi Soċjalisti Sovjetiċi dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni Ekonomiċi u Kummerċjali ffirmat fi Brussel nhar it-18 ta' Diċembru 1989.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦAR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

LISTA TA' DOKUMENTI MEHMU¯A

Anness I	Lista indikattiva ta' vantaġġi mogħtija mir-Repubblika tat-Taġikistan lill-Istati Indipendenti skond l-Artikolu 7(3) tal-PCA Taġikistan.
Annes II	Il-konvenzjonijiet dwar il-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali msemmija fl-Artikolu 39 tal-PCA Taġikistan.

Protokoll dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka dwar il-materji doganali.

ANNESS I

Lista indikattiva ta’ vantaġġi mogħtija

mir-Repubblika tat-Taġikistan lill-Federazzjoni ta’ l-Istati Indipendenti

Skond il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 7

1. Ir-Repubblika tal-Belarus, ir-Repubblika tal-Każakstan, ir-Repubblika tal-Kirġistan, il-Federazzjoni Russa: id-dazji ma japplikawx.

2. L-oġġetti trasportati skond it-trattamenti dwar il-kooperazzjoni industrijali mal-pajjiżi tas-CIS mhumiex taxxabbli.

3. Iċ-Ċertifikat ta’ Konformità tal-Produzzjoni Serjali hija rikonoxxuta madwar il-pajjiżi tas-CIS, u fuqu jinħareġ iċ-Ċertifikat Nazzjonali ta’ Konformità.

4. Hemm sistema speċjali ta’ pagamenti kurrenti mal-pajjiżi kollha tas-CIS.

5. Jeżistu termini speċjali għal transitu fil-pajjiżi kollha tas-CIS.

ANNESS II

Konvenzjonijiet dwar il-propjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali

msemmija fl-Artikolu 39

1. L-Artikolu 39(2) jikkonċerna l-konvenzjonijiet multilaterali li ġejjin:

   - Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' l-Atturi, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet ta' Xandara (Ruma, 1961);

   - Il-Protokoll marbut mal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Registrazzjoni Internazzjonali tal-Marki

   - Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Speċi Ġodda ta' Pjanti (UPOV) (Att ta' Ġinevra, 1991).

2. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jirrakkomanda li l-Artikolu 39(2) għandu japplika għal konvenzjonijiet multilaterali oħrajn. Jekk ikun hemm xi problemi fl-oqsma tal-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali li jaffettwaw il-kundizzjonijiet kummerċjali, għandhom jinbdew konsultazzjonijiet urġenti, fuq talba ta' Parti minnhom, sabiex jaslu għal soluzzjonijiet li jkunu sodisfaċjenti għaż-żewġ naħat.

3. Il-Partijiet jikkonfermaw l-importanza ta' l-obbligi li jemanaw mill-konvenzjonijiet multilaterali li ġejjin:

   - Il-Konvezjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Propjetà Industrijali (Att ta' Stokkolma, 1967 u emendat fl-1979);

   - It-Trattat dwar il-Kooperazzjoni fil-Privattivi (Washington, 1970, emendata fl-1979 u modifikata fl-1984);

   - Il-Konvenzjoni Riveduta ta' Berna għall-protezzjoni ta' xogħlijiet litterarji u artistiċi (1886, kif l-aħħar emendata fl-1979);

   - It-Trattat Dwar il-Liġi tat-*Trademarks* (Ġinevra 1994).

4. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-Repubblika tat-Taġikistan għandha tagħti lill-kumpaniji u ċittadini tal-Komunità, fir-rigward tar-rispett u l-protezzjoni tal-propjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali, trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti lil kull pajjiż terz skond il-ftehim bilaterali.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4 m'għandhomx japplikaw għall-vantaġġi mogħtijia mir-Repubblika tat-Taġikistan lil kull terz pajjiż fuq bażi reċiproka effettiva u għall-vantaġġi mogħtija mir-Repubblika tat-Taġikistan lil pajjiżi ieħor ta' l-ex Unjoni Sovjetika.

PROTOKOLL

DWAR GĦAJNUNA REĊIPROKA F'MATERJI TA' DWANA

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) "leġislazzjoni tad-dwana" tfisser li d-disposizzjonijiet legali u regolatorji oħra applikabbli fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti li jirregolaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-transitu ta' l-oġġetti u l-pjazzament taħt ir-reġim doganali jew il-proċedura, inkluż il-miżuri tal-projbizzjoni, restrizzjoni jew kontroll adottat mill-Partijiet imsemmija;

(b) "l-awtorità applikanti" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun ġiet maħtura minn Parti Kontraenti għal dan l-iskop u li tkun għamlet talba għal għajuna f'materji ta' dwana;

(ċ) "l-awtorità mitluba" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun ġiet maħtura minn Parti Kontraenti għal dan l-iskop u li tkun irċeviet talba għal għajuna f'materji ta' dwana;

(d) "data personali" tfisser l-informazzjoni kollha marbuta ma' individwu indentifikat jew identifikabbli;

(e) "operazzjoni bi ksur ta' liġi tad-dwana" tfisser kull ksur jew vjolenza attentata tal-liġi tad-dwana.

ARTIKOLU 2

Ambitu ta' Applikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin, fl-oqsma fil-kompetenza tagħhom, skond l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Protokoll, sabiex jiżguraw li l-liġi tad-dwana tiġi applikata korrettament, b'mod partikolari sabiex tipprevjeni, tinvestiga u tressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti operazzjonijiet li jiksru dik il-liġi.

2. L-għajnuna, f'materji ta' dwana, kif previst f'dan il-Protokoll, għandha tapplika għal kull awtorità amministrattiva tal-Partijiet Kontraenti li tkun kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Dan m'għandux jippreġudika d-dispossizzjonijiet li jirregolaw l-assistenza reċiproka f'materji kriminali. L-anqas ma jkopri ma' l-informazzjoni miksuba taħt poteri wżati fuq talba ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji, ħlief

fejn il-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni tkun awtorizzata mill-awtoritajiet imsemmija.

ARTIKOLU 3

Għajnuna fuq talba

1. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha tgħaddilha l-informazzjoni kollha relevanti li tista' tgħinha tiżgura l-konformità mal-liġi tad-dwana, inkluż l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet annotati jew ippjanati li jistgħu jkunu bi ksur ta' dik il-liġi.

2. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinfurmaha jekk:

(a) ikunux ġew importati kif suppost l-oġġetti esportati mit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet Kontraenti lejn it-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-oġġetti;

(b) ikunux ġew importati kif suppost l-oġġetti importati fit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet Kontraenti lejn it-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-oġġetti;

3. Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha, fi ħdan il-qafas tad-disposizzjonijiet legali jew regolatorji, għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura s-sorveljanza speċjali ta':

(a) persuni jew persuni legali li huma suspettati fuq raġunijiet validi li għamlu jew jagħmlu attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

(b) postijiet fejn ġew maħżuna jew setħu ġew maħżuna oġġetti b'tali mod illi jħallu suspett fuq bażi raġonevoli li kienu ntenzjonati li jiġu wżati f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

(ċ) oġġetti li huma jew li setgħu kienu trasportati oġġetti b'tali mod illi jħallu suspett fuq bażi raġonevoli li kienu ntenzjonati li jiġu wżati f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

(d) mezzi ta' trasport li huma suspettati fuq bażi raġonevoli li ġew użati jew li setgħu ġew użati f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana.

ARTIKOLU 4

Għajnuna spontanja

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħaddu lil xulxin, fuq inizjattiva tagħhom stess u skond il-liġijiet tagħhom, regoli u strumenti legali oħrajn, b'għajnuna jekk iqisu li jkun hemm bżonnha

għall-applikazzjoni kif suppost tal-liġi tad-dwana, partikolarment meta jiksbu informazzjoni marbuta ma':

- attivitajiet li jikkostitwixxu jew jidhru li huma attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana u li jistgħu jkunu ta' interess lil Parti Kontraenti oħra;

- mezzi ġodda jew metodu wżati fit-twettiq ta' attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

- oġġetti magħrufa li huma s-suġġett ta' attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

- persuni jew persuni legali li huma suspettati fuq raġunijiet validi li huma jew li kienu involuti f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana;

- mezzi ta' trasport li huma suspettati fuq bażi raġonevoli li ġew użati, li jintużaw jew li jistgħu jintużaw f'attivitajiet bi ksur tal-liġi tad-dwana.

ARTIKOLU 5

Konsenja/Notifika

Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità mitluba għandha, skond id-disposizzjonijiet legali jew regolatorji applikabbli, tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex:

- tikkonsenja d-dokumenti kollha,

- tinnotifika d-deċiżjonijiet kollha

li joħorġu mill-awtorità applikanti u li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Protokoll lill-persuna indirizzata li tkun tirresjedi jew li tkun stabbilta fit-territorju tagħha. F'dan il-każ, l-Artikolu 6(3) għandu japplika għal talbiet għal komunikazzjoni jew notifika.

ARTIKOLU 6

Forma u sustanza tat-talbiet għall-għajnuna

1. Talbiet skond dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub. Huma għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-adempjenza mat-talba. Meta l-urġenza tas-sitwazzjoni titlob hekk, jistgħu jiġu aċċettati talbiet orali, iżda dawn iridu jiġu kkonfermati bil-miktub minnufih.

2. Talbiet skond il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-awtorità applikanti li qed tagħmel it-talba;

   (b) il-miżura mitluba;

(ċ) l-iskop u r-raġuni għat-talba;

(d) il-liġijiet, ir-regoli u l-elementi legali nvoluti;

(e) indikazzjonijiet kemm jista' jkun preċiżi dwar il-persuni jew persuni legali li jkunu l-mira ta' l-investigazzjonijiet;

(f) ġabra fil-qosir tal-fatti relevanti u tad-domandi li jkunu diġà saru.

3. It-talbiet għandhom jiġu sottomessi f'lingwa uffiċjali ta' l-awtorità mitluba jew f'lingwa aċċettabbli minn dik l-awtorità.

4. Jekk talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti formali, il-korrezzjoni jew tista' tintalab il-korrezzjoni jew it-tkomplija tagħha; iżda jistgħu jiġu ordnati miżuri kawtelatorji.

ARTIKOLU 7

Eżekuzzjoni tat-talbiet

1. Sabiex tikkonforma mat-talba għal għajnuna, l-awtorità mitluba għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u tar-riżorsi disponibbli, daqs li kieku kienet qed taġixxi f'isimha propju jew fuq talba ta' awtoritajiet oħrajn ta' dik l-istess Parti, billi tgħaddi l-informazzjoni li diġà jkollha, billi tagħmel l-investigazzjonijiet xierqa jew billi tirranġa sabiex dawn isiru. Din id-disposizzjoni għandha tapplika wkoll għal kull awtorità oħra li tkun ġiet indirizzata mill-awtorità mitluba bis-saħħa ta' dan il-protokoll meta l-awtorità mitluba ma tkunx tista taġixxi waħedha.

2. Talbiet għall-għajnuna għandhom jitwettqu skond il-liġijiet, ir-regoli u l-istrumenti legali l-oħra tal-Parti Kontraenti mitluba.

3. Uffiċjali ta' Parti Kontraenti debitament awtorizzati jistgħu, bi ftehim mal-Parti l-oħra involuta u skond il-kundizzjonijiet stipulati minn din ta' l-aħħar, jiksbu mill-uffiċċji ta' l-awtorità mitluba jew awtorità oħra li għaliha tkun responsabbli l-awtorità mitluba, informazzjoni marbuta ma' attivitajiet li huma jew li jistgħu jkunu bi ksur tal-liġi tad-dwana li l-awtorità applikanti tkun teħtieġ għall-finijiet ta' dan il-Protokoll.

4. Uffiċjali ta' Parti jistgħu, bi ftehim mal-Parti Kontraenti l-oħra involuta u skond il-kundizzjonijiet stipulati minn din ta' l-aħħar, ikunu preżenti tul l-investigazzjonijiet li jsiru fit-territorju ta' din ta' l-aħħar.

ARTIKOLU 8

Forma li fiha trid tiġi komunikata l-informazzjoni

1. L-awtorità mitluba għandha tikkomunika r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet lill-awtorità applikanti f'dokumenti, kopji ċertifikati tad-dokumenti, rapporti u affarijiet simili.

2. Il-provvista ta' dokumenti stipulati fil-paragrafu 1 tisgħa tiġi rimpjazzata minn dik ta' l-informazzjoni prodotta fi kwalunkwe forma għall-istess skop b'mezzi kompjuterizzati.

3. Il-fajls u d-dokumenti oriġinali għandhom jintalbu biss f'każijiet fejn il-kopji ċertifikati ma jkunux biżżejjed. L-oriġinali li jkunu ġew mibgħuta jridu jiġu ritornati ma' l-ewwel opportunità.

ARTIKOLU 9

Eċċezzjonijiet mill-obbligu li tagħti għajnuna

1. Il-Partijiet jistgħu jirrifjutaw li jagħtu għajnuna kif stipulat f'dan il-Protokoll, fejn li tagħmel dan:

   (a) probabilment jippreġudika s-sovranità tar-Repubblika tat-Taġikistan jew dik ta' l-Istat Membru li jkun ġie mitlub sabiex jagħti għajnuna skond dan il-Protokoll;

   jew

   (b) probabilment jikkomprommetti l-ordni pubbliku, s-sigurtà jew l-interessi essenzjali, b'mod partikolari fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2);

   jew

   (ċ) jikser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-għajnuna tista' tiġi posposta mill-awtorità mitluba fuq il-bażi illi dan jinterferixxi ma' investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċediment għaddej. F'każ ta' dan it-tip, l-awtorità mitluba għandha tikkonsulta ma' l-awtorità applikanti sabiex tiddetermina jekk l-għajnuna tistax tingħata taħt il-kundizzjonijiet li tistipula l-awtorità mitluba.

3. Fejn l-awtorità applikanti titlob għajnuna li waħedha ma tkunx tista' tagħti jekk tiġi mitluba tagħmel hekk, din għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Imbagħad id-deċiżjoni dwar kif tirrispondi għal talba simili għandha titħalla lill-awtorità mitluba.

4. Jekk l-għajnuna tkun rifjutata, id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha jridu jiġu notifikati lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

ARTIKOLU 10

Skambju ta' informazzjoni u kunfidenzjalità

1. Kull informazzjoni skambjata b'kull mezz skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun kunfidenzjali u ristretta, skond ir-regoli applikabbli f'kull waħda mill-Partijiet. Din l-informazzjoni hija koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali u tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skond il-liġijiet in kwistjoni tal-Parti li tkun rċevietha u d-disposizzjonijiet korrispondenti li japplikaw għall-istituzzjonijiet tal-Komunità.

2. Data personali tista' tiġi skambjata biss meta l-Parti li tirċievi timpenja ruħha sabiex tipproteġi tali data ta' l-inqas bl-istess mod tad-data applikabbli għal dak il-każ partikolari mill-Parti li tgħaddi l-informazzjoni.

3. L-informazzjoni li tin kiseb għandha tiġi wżata biss għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Fejn waħda mill-Partijiet titlob l-użu ta' tali informazzjoni għal skopijiet oħra, hija għandha titlob għall-kunsens bil-miktub ta' l-awtorità li tkun forniet l-informazzjoni. Tali użu mbagħad għandu jkun suġġett għar-restrizzjonijiet kollha stipulata minn dik l-awtortià.

4. Il-paragrafu 3 m'għandhux jimpedixxi l-użu ta' informazjoni fi proċeduri ġudizzjari jew amministrattivi li jinbdew sussegwentement għal nuqqas ta' konformità mal-liġi tad-dwana. L-awtorità kompetenti li forniet dik l-informazzjoni għandha tkun immedjament notifikat għal tali użu.

5. Il-Partijiet jistgħu, fid-dokumenti tal-provi, rapporti u xhieda u fi proċeduri u akkużi miġjuba quddiem il-qrati, jużaw bħala informazzjoni probatorja kontenuta fid-dokumenti konsultati skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 11

Esperti u xhieda

Uffiċjal ta' awtorità mitluba jista' jiġi awtorizzata sabiex jidher, fil-limiti ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala espert jew xhud fi proċeduri ġudizzjarji jew aministrattivi dwar materji koperti minn dan il-Protokoll fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra, u biex jipproduċi oġġetti, dokumenti jew kopji ċertifikati tagħhom, skond kif jitolbu l-proċeduri. It-taħrika trid tindika speċifikament fuq liema materji u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika l-espert ser jiġi eżaminat.

ARTIKOLU 12

Spejjeż ta’ Assistenza

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrinunzjaw għal kull dritt ta’ rimbors ta’ spejjeż li jkunu ġew minfuqa skond dan il-Protokoll, ħlief, fejn ikun il-każ, għall-ispejjeż marbuta ma’ l-esperti u x-xhieda u l-interpreti u t-tradutturi li ma jkunux impjegati taċ-ċivil.

ARTIKOLU 13

Implementazzjoni

1. L-applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll għandha tiġi fdata lill-awtoritajiet ċentrali tad-dwana tar-Repubblika tat-Taġikistan fuq naħa waħda u lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew u, fejn xieraq, lill-awtoritajiet tad-dwana ta’ l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra. Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri prattiċi u l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, wara li jqisu r-regoli applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Huma jistgħu jirrakkomandaw lill-korpi kompetenti l-emendi li jqisu li jridu jsiru f’dan il-Protokoll.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati bir-regoli ta' implementazzjoni dettaljati li jiġu adottati skond id-disposizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 14

Ftehim oħrajn

1. Wara li jittieħdu in konsiderazzjoni l-kompetenzi tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Membri, id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom:

   - ma jkunux jaffettwaw l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti taħt kwalunkwe ftehim jew konvenzjoni internazzjonali oħra;

   - jitqiesu kumplimentari ma ftehim dwar għajnuna reċiproka li jkunu ġew jew setgħu jiġu konklużi bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tat-Taġikistan; u

   - ma jkunux jaffettwaw id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn il-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tad-dwana ta’ l-Istati Membri ta’ kull informazzjoni miksuba fl-oqsma koperti minn dan il-ftehim li jistgħu jkunu ta' interess għall-Komunità.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-disposizzjonijiet ta’ dan il-ftehim għandu jkollhom preċedenza fuq id-disposizzjonijiet tal-ftehim bilaterali dwar l-għajnuna reċiproka li ġie jew seta’ ġie konklużbejn l-Istati Membri individwali u r-

Repubblika tat-Taġikistan f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawk id-disposizzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar li ma jkunux kompatibbli ma' dan il-Protokoll.

3. Fir-rigward ta' domandi marbuta ma' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex isolvu l-kwistjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 79 tal-Ftehim.

ATT FINALI

Il-plenipotenzjarji tal-KOMUNITÀ EWROPEA, u tal-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn issa ‘l quddiem imsejħa “il-Komunita”,

fuq naħa waħda, u

il-plenipotenzjarji tar-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN,

fuq in-naħa l-oħra

f’laqgħa fi Brussel, nhar, għall-firma tal-Ftehim Interim bejn il-Komunitajiet Ewropej, fuq naħa waħda u r-Repubblika tat-Taġikistan fuq in-naħa l-oħra, minn issa ‘l quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, adottaw dawn it-testi li ġejjin:

il-Ftehim Interim, inkluż l-Annessi tiegħu u l-Protokoll li ġej:

il-Protokoll dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka dwar il-materji doganali.

Il-plenipotenzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-plenipotenzjarji tar-Repubblikat tat-Taġikistan adottaw it-testi tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-data personali.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 9 [PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 13] tal-Ftehim.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 33 [PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 94] tal-Ftehim.

Il-plenipotenzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-plenipotenzjarji tar-Repubblikat tat-Taġikistan raw ukoll l-Iskambju ta’ Ittri li ġej anness ma' dan l-Att Finali:

Skambju ta’ Ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika tat-Taġikistan marbuta ma’ l-istabbiliment ta’ kumpaniji.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR DATA PERSONALI

Fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet huma konxji mill-ħtieġa ta' protezzjoni xierqa ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u fir-rigward tal-moviment ħieles ta' tali data.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 9

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 13]

Sakemm ir-Repubblika tat-Taġikistan taderixxxi mad-WTO, il-Partijiet għandu jkollhom konsultazzjonijiet fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni dwar il-politiki ta' tariffi fuq l-importazzjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan, inlkuż it-tibdil fil-protezzjoni tat-tariffi. B'mod partikolari, tali konsultazzjonijiet għandhom jiġu offruti qabel iż-żieda tal-protezzjoni tariffali.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 33

[PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 94]

1. Il-Partijiet jaqblu, li għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni korretta u l-applikazzjoni prattika tiegħu, it-terminu "każijiet ta' urġenza partikolari" inkluż fl-Artikolu 33 [PCA TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 94] tal-Ftehim ifisser każijiet ta' ksur materjali tal-Ftehim minn waħda mill-Partijiet. Ksur materjali tal-Ftehim jikkonsisti f':

   (a) nuqqas ta' rikonoxximent tal-Ftehim li ma jkunx sanzjonat mir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali,

   jew

   (b) ksur ta' l-elementi essenzjali tal-Ftehim stipulati fl-Artikolu 1 [PCA: TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 2].

2. Il-Partijiet jaqblu li l-"miżuri xierqa" msemmija fl-Artikolu 33 [PCA: TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 94] huma miżuri meħuda skond id-dritt internazzjonali. Jekk Parti tieħu miżura f'każ ta' urġenza speċjali kif stipulat fl-Artikolu 33 PCA: TAĠIKISTAN: ARTIKOLU 94], il-Parti l-oħra tista' tuża l-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦAR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

SKAMBJU TA' ITTRI

BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

U R-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

DWAR L-ISTABBILIMENT TA' KUMPANIJI

A. Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan

Sinjur,

Nirreferi għall-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li nbeda fis-16.12.2004.

Kif enfasizzajt tul in-negozjati, ir-Repubblika tat-Taġikistan qed tagħti lill-kumpaniji tal-Komunità li jistabbilixxu ruħhom u li joperaw mit-Taġikistan trattament speċjali f'ċerti oqsma. Jiena fissirt li dan jirrefletti l-politika Taġika ta' promozzjoni bil-mezzi kollha possibbli tat-twaqqif ta' kumpaniji tal-Komunità fir-Repubblika tat-Taġikistan.

Filwaqt li nżomm dan f'moħħi, nifhem illi tul il-perijodu bejn id-data li fiha nbeda dan il-ftehim u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-artikolu relevanti dwar l-istabbiliment ta' kumpaniji, ir-Repubblika tat-Taġikistan m'għandhiex tadotta miżuri jew regolamenti li jintroduċu jew iħarrxu d-diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji tal-Komunità xħin imqabbla ma' kumpaniji Taġiki jew kumpaniji minn kwalunkwe pajjiż terz xħin wieħed iqabbel din is-sitwazzjoni ma' dik eżistenti fid-data li fiha nbeda dan il-Ftehim.

Inkunlek grat jekk inti tibgħat riċevuta ta' din l-ittra.

Għoddni tiegħek,

Għall-Gvern tar-
Repubblika tat-Taġikistan

B. Ittra mill-Komunitajiet Ewropej

Sinjur,

Grazzi għall-ittra bid-data tal-lum, li taqra kif ġej:

“Nirreferi għall-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li nbeda fis-16.12.2004.

Kif enfasizzajt tul in-negozjati, ir-Repubblika tat-Taġikistan qed tagħti lill-kumpaniji tal-Komunità li jistabbilixxu ruħhom u li joperaw mir-Repubblika tat-Taġikistan trattament speċjali f’ċerti oqsma. Jiena fissirt li dan jirrefletti l-politika Taġika ta’ promozzjoni bil-mezzi kollha possibbli tat-twaqqif ta’ kumpaniji tal-Komunità fir-Repubblika tat-Taġikistan.

Filwaqt li nżomm dan f’moħħi, nifhem illi tul il-perijodu bejn id-data li fiha nbeda dan il-ftehim u d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ l-artikolu relevanti dwar l-istabbiliment ta’ kumpaniji, ir-Repubblika tat-Taġikistan m'għandhiex tadotta miżuri jew regolamenti li jintroduċu jew iħarrxu d-diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji tal-Komunità xħin imqabbla ma’ kumpaniji Taġiki jew kumpaniji minn kwalunkwe pajjiż terz xħin wieħed iqabbel din is-sitwazzjoni ma’ dik eżistenti fid-data li fiha nbeda dan il-Ftehim.

Inkunlek grat jekk inti tibgħat riċevuta ta’ din l-ittra.”

Dan id-dokument huwa riċevuta ta’ l-ittra tiegħek.

Għoddni tiegħek,

F’isem il-
Komunità Ewropea